Nru./No. 19,126
Prezz/Price
€3.60

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2013
Friday, 23rd August, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 9615 - 9625
Government Notices ..... *9615 - 9625*

Avviżi tal-Pulizija ..... 9625 - 9628
Police Notices ..... *9625 - 9628*

Avviżi lill-Baħħara ..... 9628 - 9629
Notices to Mariners ..... *9628 - 9629*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 9630 - 9642
Employment Opportunities ..... *9630 - 9642*

Avviżi tal-Gvern ..... 9642 - 9643
Notices ..... *9642 - 9643*

Offerti ..... 9644 - 9673
Tenders ..... *9644 - 9673*

Avviżi tal-Qorti ..... 9673 - 9690
Court Notices ..... *9673 - 9690*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 768

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Karmenu Vella, B.A. (Arch. Stud.), B.Arch. (Hons.), A.&C.E., M.Sc. (Tourism), M.P., Ministru għat-Turiżmu, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Awwissu, 2013, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, K.U.O.M, B.Com., B.A. (Hons.), M.A.(European Studies), Ph.D (Bristol), M.P.

Il-21 ta' Awwissu, 2013
(OPM/ 81/2013/III)

GOVERNMENT NOTICES

No. 768

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed Hon. Karmenu Vella, B.A. (Arch. Stud.), B.Arch. (Hons.), A.&C.E., M.Sc. (Tourism), M.P., Minister for Tourism, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Friday, 23rd August, 2013, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com., B.A. (Hons.), M.A. (European Studies), Ph.D (Bristol), M.P.

21st August, 2013

Nru. 769

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Michael Zammit Munrò	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	09-13.09.2013

It-23 ta' Awwissu, 2013

No. 769

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:–

23rd August, 2013

Nru. 770

ĦATRA TA' AĠENT TA' UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Richard Zammit	Uffiċjal Mediku Ewlieni *Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	9 - 13.09.2013

It-23 ta' Awwissu, 2013

No. 770

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:–

23rd August, 2013

Nru. 771

BORD TAL-APPELLI DWAR L-EKO-KONTRIBUZZJONI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473) il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għoġbu jagħmel dawn il-ħatriet fuq il-Bord tal-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni :

Chairman
Is-Sur John Grech

Membri
Is-Sur Carmelo Tonna
Is-Sur Carmelo Attard

Dawn il-ħatriet jibqgħu japplikaw għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-23 ta' Awwissu, 2013.

It-23 ta' Awwissu, 2013

No. 771

ECO-CONTRIBUTION APPEALS BOARD

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 26 of the Eco-Contribution Act (Cap. 473), the Minister for Sustainable Development, The Environment and Climate Change has approved the following appointments on the Eco-Contribution Appeals Board:

Chairman
Mr John Grech

Members
Mr Carmelo Tonna
Mr Carmelo Attard

These appointments shall remain valid for a period of three year(s) with effect from the 23rd August, 2013.

23rd August, 2013

Nru. 772

KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali ħatar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta skont l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta (Kap. 478), għal perjodu ta' tliet snin mill-10 ta' Lulju, 2013, kif ġej:

Chairman
Dott. Beverly Cutajar DSocSci (Leicester), MSc (Leicester), BA

Membri
Is-Sa. Audrey Harrison Master in Creativity & Innovation (Melit.), B.Comms (Melit.), Dip.Mgt. Studies (Melit.)
Dott. Joseph Chetcuti LL.D.; M.A. (Fin. Serv.); L.T.C.L.

It-23 ta' Awwissu, 2013

No. 772

MALTA FILM COMMISSION

IT is hereby notified for general information that, the Minister for Home Affairs and National Security has appointed the Malta Film Commission in terms of the Malta Film Commission Act (Cap. 478) for a period of three years from 10th July 2013, as follows:

Chairman
Dr Beverly Cutajar DSocSci (Leicester), MSc (Leicester), BA

Members
Ms Audrey Harrison Master in Creativity & Innovation (Melit.), B.Comms (Melit.), Dip.Mgt. Studies (Melit.)
Dr Joseph Chetcuti LL.D.; M.A. (Fin. Serv.); L.T.C.L.

23rd August, 2013

Nru. 773

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIJRIJIETU

IS-SUR GOWDIN Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) reġa' daħal għal dmirijiet u fid-19 ta' Awwissu, 2013 u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 729 tas-6 ta' Awwissu, 2013, huma b'din imħassrin.

It-23 ta' Awwissu, 2013

No. 773

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR GODWIN Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 19th August, 2013, and the arrangements referred to in the Government Notice No. 729 of 6th August, 2013 are hereby being cancelled.

23rd August, 2013

Nru. 774

GOZO HELIPORT LIMITED

IL-MINISTRU għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar ħatar il-Bord tal-Gozo Heliport Limited sal-31 ta' Lulju, 2014 kif ġej :

Chairperson
Dott. Rachel Montebello

Diretturi
Is-Sinjura Angela Psaila
Is-Sinjura Christina Sammut

Il-5 ta' Awwissu, 2013

Nru. 775

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza:	PA 05849/09
Post:	Zahra Trading & Importers, Triq is-Siġġiewi, Mqabba, Malta
Proposta:	Biex jiġi ssanat bini ta' *sub-station*, garaxxijiet, uffiċini, żoni għal ħażna u rilokazzjoni ta' tankijiet għal ħażna ta' *bituminous* u tibdiliet oħra.

No. 774

GOZO HELIPORT LIMITED

The Minister for Economy, Investment and Small Business appointed the Board of Gozo Heliport Limited up to 31st July, 2014 as follows -

Chairperson
Dr Rachel Montebello

Directors
Mrs Angela Psaila
Mrs Christina Sammut

5th August, 2013

No. 775

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number:	PA 05849/09
Location:	Zahra Trading & Importers, Triq is-Siġġiewi, Mqabba, Malta
Proposal:	To sanction building of electrical sub station, garages, offices, stock bays and relocation of bituminous storage tanks and other alterations.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl-20 ta' Settembru 2012 u rivedut fil-11 ta' April 2013 fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-27 ta' Ġunju, 2013.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 20th September 2013 and updated on 11th April 2013 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 27th June, 2013.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Tniġġis tal-ilma tal-pjan *Ground water pollution and surface runoff*	Il-proposta tinstab f'barriera u qeda direttament fuq gallerija għall-ilma tal-pjan ġo Ta' Kandja (Mqabba Heading). Għaldaqstant, il-proposta tinstab f'żona ta' riskju għoli għat-tniġġis tal-ilma tal-pjan. F'dan ir-rigward, l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi (MRA) talbu li jiġi ippreparat *Risk Assessment Report* iċċertifikat li jiddeskrivi l-impatti potenzjali tal-proġett flimkien ma' miżuri ta' mitigazzjoni fuq l-ilma tal-pjan. *Proposal lies within a quarry and is directly located on the groundwater gallery of Ta' Kandja (Mqabba Heading). Therefore, proposal is located within a high risk area for groundwater pollution. In this regard, the Malta Resources Authority have requested the submission of a certified Risk Assessment Report identifying potential threats and mitigation measures to groundwater pollution.*
Ħolqien ta' skart *Waste generation*	L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett kemm waqt il-bini u kif ukoll waqt l-operat mhux ser ikun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. L-iskart mill-operat se jkun ġestit permezz ta' permess għall-operat. *The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction and operation is not likely to be significant considering the nature of the project. Operational waste will be managed through an environmental permit.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja *Impact on air quality*	Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u xi ħruġ ta' emissjonijiet ta' *Nitrogen Oxide* (NOx) mill-inġenji ta' kostruzzjoni. Madankollu, l-ebda impatt sinjifikattiv m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu trabijiet u ħruġ ta' *Nitrogen Oxide* (NOx) mill-*batching plant* u mit-traffiku. It-tqanqil ta' trabijiet waqt il-produzzjoni tal-konkrit jista' jitnaqqas biżżejjed permezz ta' ddisinjar xieraq tal-impjant (per eżempju faċilitajiet ġewwa, *dust filters*, knis regolari, sprej tal-ilma u faċilità ta' *wheel washing* fid-daħla/ħruġ tas-sit), ġestjoni xierqa tal-iskart u miżuri oħra li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat. *Nitrogen Oxide* (NOx) mit-traffiku operattiv mhux mistenni li jkun sinifikanti. *During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and Nitrogen Oxide (NOx) emissions from construction vehicles are likely to be generated. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, dust will be generated from the batching plant and from operational traffic. Dust generation during concrete production can be sufficiently abated through proper plant design (for example, indoor facilities, dust filters, regular sweeping, water spray and a wheel wash facility at the entrance/exit of the site), adequate waste management and other measures which could be managed through an operational permit. Nitrogen Oxide (NOx) from operational traffic is not expected to be significant.*
Storbju u vibrazzjonijiet *Noise and vibrations*	L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat, l-istorbju u vibrazzjonijiet huma mistennija mill-*batching plant*, madankollu minħabba il-pożizzjoni tagħhom (taħt il-livell tat-triq), storbju ġġenerat huwa mitigat u ma jaffettwax oqsma barra l-konfini tas-sit. Barra minn hekk, dan l-impatt jista' jittaffa biżżejjed permezz ta' ddisinjar tal-impjant kif xieraq u b'miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat. *Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operation, noise and vibrations will be generated by the batching plant, however given its location (below street level), the generated noise is mitigated and will not affect areas outside the site boundary. Furthermore, such impact can be mitigated sufficiently through proper plant design and through measures which could be managed by means of an operational permit.*

Impatt permezz ta' dawl	Emissjonijiet ta' dawl matul il-lejl mhux mistennija li jkollhom impatt partikolari meta mqabbla mas-sitwazzjoni diġà eżistenti. Barra minn hekk, l-impatti potenzjali jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' *down lighters*, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal-livelli minimi.
Light pollution	*Light emissions during night time is not likley to be signficant over the current baseline situation. Furthermore, any potential impacts may be reduced with the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting*.

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

It-23 ta' Awwissu, 2013

Nru. 776

ATT- DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dottor Marco Burlò bħala nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg BA LLD, sakemm ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-11 ta' Awwissu, 2013 sat-18 t'Awwissu, 2013.

Illum, l-20 t'Awwissu, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili

It-23 ta' Awwissu, 2013

Nru. 777

ATT- DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP.55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri bħala nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dottor Dorita Galea Medati, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-15 ta' Awwissu, 2013 sal-24 t'Awwissu, 2013.

Illum, 20 t'Awwissu, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili

It-23 ta' Awwissu, 2013

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

23rd August, 2013

No. 776

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

It is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlò LLD, to be Notary Delegate/Keeper of the Acts for Notary Dr Marco Buttigieg BA LLD, during the latter's absence from these Islands from the 11th August, 2013 till the 18th August 2013.

This day, 20th August, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals

23rd August, 2013

No. 777

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

It is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Clarissa Cuschieri, to be Notary Delegate/Keeper of the Acts for Notary Dr Dorita Galea Medati, during the latter's absence from these Islands from the 15th August, 2013 till the 24th August 2013.

This day, 20th August, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals

23rd August, 2013

Nru. 778

ATT DWAR IL-*BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA (KAP. 133)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Settembru 2013 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skont u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti tal-2007 dwar id-Dematerjalizzazzjoni tal-*Bills* tat-Teżor ta' Malta tal-Avviż Legali Nru. 59 tal-2007:

No. 778

MALTA TREASURY BILLS ACT (CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of September 2013 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
02	**03** **TB** Tender Date	**04**	**05**	**06** **TB** Issue of 91 days maturing 6 December 2013 and 273 days maturing 6 June 2014
09	**10** **TB** Tender Date	**11**	**12**	**13** **TB** Issue of 90 days maturing 12 December 2013
16	**17** **TB** Tender Date	**18**	**19**	**20** **TB** Issue of 91 days maturing 20 December 2013
23	**24** **TB** Tender Date	**25**	**26**	**27** **TB** Issue of 91 days maturing 27 December 2013 and 182 days maturing 28 March 2014

Notes:- *Note: TB = Treasury Bills*

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the auction takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on Tender forms, which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. on the tender date. Such bids may either be made directly to the Treasury or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail.

5. Only offers with a definite yield shall be considered.

6. 28 day tenor minimum amount is €250,000, other tenor €50,000. Above this minimum must be in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day.

10. Settlement of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m. on the date on which the relative Bills are dated. Payments may be effected either by cheque, made payable to the Accountant General or by bank transfer to the credit of the Public Account, Account number 40001 EUR-CMG5-001-H, with the Central Bank of Malta. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill.

11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at www.treasury.gov.mt

23rd August, 2013

Nru. 779

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET
(Kap. 296)

Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:-

No. 779

LAND REGISTRATION ACT

(Cap. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:-

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Għajnsielem	Flat 11 u garage G 'Belvedere Court' Triq il-Hamri	Attard Dun Tarcisio et		664/2013 Gozo
Għajnsielem	*Flat 11 and garage G 'Belvedere Court' Triq il-Hamri*	*Attard Dun Tarcisio et*		
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' Propjeta' Nru 22000809	Buttigieg Publius et		676/2013 Gozo
Għajnsielem	*Correction on Property No. 22000809*	*Buttigieg Publius et*		
Għajnsielem	½ indiviz tal-fond No 61 Triq il-Gnien	Spiteri Concetta et		709/2013 Gozo
Għajnsielem	*½ undivided of premises No 61 Triq il-Gnien*	*Spiteri Concetta et*		
Għajnsielem	½ indiviz tal-fond No 61 bil-gardina annessa Triq il-Gnien	Spiteri Concetta et		710/2013 Gozo
Għajnsielem	*½ undivided share of premises No 61 with annex garden in Triq il-Gnien*	Spiteri Concetta et		
Għajnsielem	Utile Dominju ta' art 'Ta' Triq Cordina' sive 'Ta' Pixwa' fi Triq Cordina tal-kejl ta' 384m.k. fuq proprjeta 22000998	Buttigieg Anthony		712/2013 Gozo
Għajnsielem	*Utile Dominium of land 'Ta' Triq Cordina' sive 'Ta' Pixwa' in Triq Cordina covering an area of 384s.m. on property 22000998*	*Buttigieg Anthony*		
Għarb	Art 'Raba' Tal-Hanut' sive 'Tal-Gidi' tal-kejl ta' 1264m.k.	Gvern ta' Malta		670/2013 Gozo
Għarb	*Land 'Raba' Tal-Hanut' sive 'Tal-Gidi' covering an area of 1264s.m.*	*Government of Malta*		
Għarb	Art 'Ta' Celestinu' tal-kejl ta' 11814m.k.	Gvern ta' Malta		671/2013 Gozo
Għarb	*Land 'Ta' Celestinu' covering an area of 11814s.m.*	*Government of Malta*		
Għarb	Art 'Raba' Tal-Wieri' sive 'Almagg' tal-kejl ta' 10,931m.k.	Gvern ta' Malta		722/2013 Gozo
Għarb	*Land 'Raba' Tal-Wieri' sive 'Almagg' covering an area of 10,931s.m.*	*Government of Malta*		
Kerċem	Porzjon art Ta'Qlula tal-kejl ta' 13,489.2m.k.	Cassia Louis Joseph et		650/2013 Gozo
Kerċem	*Portion of Land Ta' Qlula covering an area of 13,489.2s.m.*	*Cassia Louis Joseph et*		
Kerċem	Dirett Dominju Perpetwu ta' Plot 10 'Ta' Summiena' Triq L-Avukat Anton Callejja tal-kejl ta' 270m.k.	Gvern ta' Malta		659/2013 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Kerċem	*Perpetual Direct Dominium of Plot 10 'Ta' Summiena' Triq l-Avukat Anton Calleja covering an area of 270m.k.*	*Government of Malta*		
Kerċem	Garaxx No 1&6 Triq l-Ghadira	Gvern Ta' Malta		661/2013 Gozo
Kerċem	*Garage No 1&6 Triq l-Ghadira*	*Government of Malta*		
Munxar	Korrezzjoni ta' proprjeta 42001009	Pisani Christopher		662/2013 Gozo
Munxar	*Correction of property 42001009*	*Pisani Christopher*		
Nadur	1/6 indiviz tal-fond fi Triq Grunju	Grima John et		697/2013 Gozo
Nadur	*1/6 undivided share of premises in Triq Grunju*	*Grima Joseph et*		
Nadur	1/6 indiviz ta' art Ta' Truppu sive Ta' Kusbejja tal-kejl ta' 4480.91m.k.	Grima Joseph et		698/2013 Gozo
Nadur	*1/6 undivided share of land Ta' Truppu sive Ta' Kusbejja' covering an area of 4480.91s.m.*	*Grima Joseph et*		
Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 1050/08	Tabone Michael et		716/2013 Gozo
Nadur	*Correction of LRA 1050/08*	*Tabone Michael et*		
Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 220/12	Gvern ta' Malta		723/2013 Gozo
Nadur	*Correction of LRA 220/12*	*Government of Malta*		
Nadur	Art fi Triq Wied ir-Rihan tal-kejl ta' 602.6m.k.	Xiberras Valerian		726/2013 Gozo
Nadur	*Land in Triq Wied ir-Rihan covering an area of 602.6s.m.*	*Xiberras Valerian*		
Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 799/02	White Maria et		731/2013 Gozo
Nadur	*Correction of LRA 799/02*	*White Maria et*		
Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 29/06	*Pace Pauline et*		732/2013 Gozo
Nadur	*Correction of LRA 29/06*	*Pace Pauline et*		
Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 28/06	*Pace Pauline et*		733/2013 Gozo
Nadur	*Correction of LRA 28/06*	*Pace Pauline et*		
Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 1423/11	*Camilleri Peter Paul et*		734/2013 Gozo
Nadur	*Correction of LRA 1423/11*	*Camilleri Peter Paul et*		
Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 1422/11	*Camilleri Peter Paul et*		735/2013
Nadur	*Correction of LRA 1422/11*	*Camilleri Peter Paul et*		
Qala	Korrezzjoni ta' proprjeta 48002567	*Cutajar Francis*		736/2013
Qala	*Correction of property 48002567*	*Cutajar Francis*		
Qala	Korrezzjoni ta' proprjeta 48001923	Tabone Josette et		738/2013 Gozo
Qala	*Correction of property 48002567*	*Tabone Josette et*		
Rabat Għawdex	Dirett Dominju Perpetwu ta' art "Ta' Lampa' tal-kejl ta' 1400m.k.	Gvern ta' Malta		660/2013 Gozo
Rabat Għawdex	*Perpetual Direct Dominium of land 'Ta' Lampa' covering an area of 1400sm.*	*Government of Malta*		
Rabat Għawdex	Korrezzjoni Ta' LRA (G) 405/03	Gvern ta' Malta		692/2013 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Rabat Għawdex	*Correction on LRA (G) 405/03*	*Government of Malta*		
Rabat Għawdex	Dirett Dominju Temporanju ta' art 'Ta' Gelmus' tal-kejl ta' 15,097m.k.	Gvern ta' Malta		725/2013 Gozo
Rabat Għawdex	*Temporarily Direct Dominium of land 'Ta' Gelmus covering an area of 15,097s.m.*	*Government of Malta*		
Sannat	1/18 ta' 1/5 indiviz tal-fond No 14 Triq l-10 ta' Ottubru	Bugeja Carmel		699/2013 Gozo
Sannat	*1/8 of 1/5 undivided share of premises No 14 triq l-10 ta' Ottubru*	*Bugeja Carmel*		
Sannat	1/18 ta' 6/10 indiviz tal-fond No 19 Triq Pisiriano	Bugeja Carmel		700/2013 Gozo
Sannat	*1/18 of 6/10 undivided share of premises No 19 Triq Pisiriano*	*Bugeja Carmel*		
Sannat	1/18 ta' 1/5 indiviz ta' art 'Ta' Xaman' tal-kejl ta' 500m.k.	Bugeja Carmel		701/2013 Gozo
Sannat	*1/18 of 1/5 undivided share of land 'Ta' Xaman' covering an area of 500s.m.*	*Bugeja Carmel*		
Sannat	16/18 ta' 1/5 indiviz ta' art 'Ta' Xaman' tal-kejl ta' 500m.k.	Attard Mario et		702/2013 Gozo
Sannat	*16/18 of 1/5 undivided share of land 'Ta' Xaman' covering an area of 500s.m.*	*Attard Mario et*		
Sannat	16/18 ta' 6/10 indiviz tal-fond No 19 Triq Pisiriano	Attard Mario et		703/2013 Gozo
Sannat	*16/18 of 6/10 undivided share of premises No 19 Triq Pisiriano*	*Attard Mario et*		
Sannat	16/18 ta' 1/5 indiviz tal-fond No 14 Triq l-10 ta' Ottubru	Attard Mario et		704/2013 Gozo
Sannat	*16/18 of 1/5 undivided share of premises No 14 Triq l-10 ta' Ottubru*	*Attard Maro et*		
Sannat	1/18 ta' 1/5 indiviz ta' art 'Ta' Xaman' tal-kejl ta' 500m.k.	Attard Alan et		705/2013 Gozo
Sannat	*1/18 of 1/5 undivided share of land 'Ta'Xaman' covering an area of 500s.m.*	*Attard Alan et*		
Sannat	1/18 ta' 1/5 indiviz tal-fond No 14 Triq l-10 ta' Ottubru	Attard Alan et		706/2013 Gozo
Sannat	*1/18 of 1/5 undivided share of premises No 14 Triq l-10 ta' Ottubru*	*Attard Alan et*		
Sannat	1/18 ta' 6/10 indiviz tal-fond No 19 Triq Pisiriano	Attard Alan et		707/2013 Gozo
Sannat	*1/18 of 6/10 undivided share of premises No 19 Triq Pisiriano*	*Attard Alan et*		
Xagħa	Art 'Tal-Wahx' sive 'Tar-Ramla ta' Fuq' tal-kejl ta' 845m.k.	Said Josef		721/2013 Gozo
Xagħa	*Land 'Tal-Wahx' sive 'Tar-Ramla ta' Fuq' covering an area of 845s.m.*	*Said Josef*		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 423.6m.k.	Vella Emanuela		678/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 423.6s.m.*	*Vella Emanuela*		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 423.6m.k.	Vella Emanuela		679/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 423.6s.m.*	*Vella Emanuela*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 153m.k.	Formosa Giorgia		680/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 153s.m*	*Formosa Giorgia*		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 107m.k.	Vella Mary Jane		681/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 107s.m*	Vella Mary Jane		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 270m.k.	Formosa Giorgia		682/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 270s.m.*	Formosa Giorgia		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 316.6m.k.	Vella Mary Jane		683/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 316.6s.m*	Vella Mary Jane		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 423.6m.k.	Sultana Rita		684/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 423.6s.m.*	Sultana Rita		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 423.6m.k.	Azzopardi Mary		685/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 423.6s.m.*	Azzopardi Mary		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 423.6m.k.	Bajada Angela		686/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 423.6s.m.*	*Bajada Angela*		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 423.6m.k.	Vella Rosaria		687/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 423.6s.m.*	*Vella Rosaria*		
Xewkija	Porzjon art 'Ta' Trajsu' tal-kejl ta' 423.6m.k.	Vella Joseph		688/2013 Gozo
Xewkija	*Portion of land 'Ta' Trajsu' covering an area of 423.6s.m.*	*Vella Joseph*		
Żebbuġ	Dirett Dominju Perpetwu tal-fond No 37 Triq il-Knisja	Gvern ta' Malta		665/2013 Gozo
Żebbuġ	*Perpetual Direct Dominium of premises 37 Triq il-Knisja*	*Government of Malta*		
Żebbuġ	Art 'Raba' Ta' Kuljat' tal-kejl ta' 3896m.k.	Gvern ta' Malta		724/2013 Gozo
Żebbuġ	*Land 'Raba' Ta' Kuljat' covering an area of 3896s.m.*	*Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, iċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.30 p.m.

Dott. Marlin Vella, LL.D.
għar-Reġistratur tal-Artijiet

It-23 ta' Awwissu, 2013

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, the Administration Centre, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.30 p.m.

Dr Marlin Vella, LL.D.
For/Land Registrar

23rd August, 2013

Nru. 780

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(KAP. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
52	Ta' Dbieġi Court Block A/B, and Garage Complex Triq Franġisk Portelli Għarb, Għawdex	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti *Registration of Rules*	22/07/2013

Dott. Marlin Vella, LL.D.
għar-Reġistratur tal-Artijiet

It-23 ta' Awwissu, 2013

No. 780

CONDOMINIUM ACT
(CAP. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Marlin Vella, LL.D.
f/Land Registrar

23rd August, 2013

Nru. 781

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda, ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
23. 08. 13	€32.963	€0.578

It-23 ta' Awwissu, 2013

No. 781

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

23rd August, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 112

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 112

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Awwissu 2013, mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq il-Parroċċa (minn Triq l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, Triq tal-Labour (minn Vjal 21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja) u Triq il-Kbira.

Nhar it-Tnejn, it-2 ta' Settembru, 2013, mill-11.00 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Triq Santa Luċija (minn Triq il-Forn sal-Kappella li hemm fi Triq Santa Luċija).

Minn nhar it-Tlieta, it-3 ta' Settembru, 2013, sas-Sibt 7 ta' Settembru 2013, mit-toroq li ġejjin: Triq il-Parroċċa (minn Triq l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, Triq tal-Labour (minn Vjal 21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja), Vjal 21 ta' Settembru (minn Triq Ħal Dgejf sa Triq tal-Labour), Triq il-Kbira u Triq Santa Luċija.

Minn nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Setembru,, 2013, sas-Sibt is-7 ta' Settembru 2013, mit-toroq li ġejjin: Triq San Ġorġ (minn Triq l-Oratorju sa Triq il-Kbira) tinqaleb id-direzzjoni tat-traffiku.

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Settembru, 2013, mit-toroq li ġejjin: Triq il-Parroċċa (minn Triq l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, Triq tal-Labour (minn Triq il-Ġdida sa Pjazza Vittorja), Vjal 21 ta' Settembru, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq Zenqa, Triq Santa Lucija u Triq il-Kbira.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 113

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commisioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated:

Naxxar

On Wednesday, 28th August, 2013, from 5.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Triq il-Parroċċa (from Triq l-Oratorju till Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, Triq tal-Labour (from Vjal 21 ta' Settembru till Pjazza Vittorja) and Triq il-Kbira.

On Monday, 2nd September, 2013, from 11.00 a.m. till midnight through the following streets: Triq Santa Luċija (from Triq il-Forn till the chapel situated in Triq Santa Luċija).

From Tuesday, 3rd September, 2013, till Saturday 7th September 2013, through the following streets: Triq il-Parroċċa (from Triq l-Oratorju till Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, Triq tal-Labour (from Vjal 21 ta' Settembru till Pjazza Vittorja), Vjal 21 ta' Settembru (from Triq Ħal Dgejf till Triq tal-Labour), Triq il-Kbira and Triq Santa Luċija.

From Friday, 6th September, 2013 till Saturday 7th September 2013, through the following streets: Triq San Ġorġ (from Triq l-Oratorju till Triq il-Kbira) where the traffic direction changes.

On Saturday, 8th September, 2013, through the following streets: Triq il-Parroċċa (from Triq l-Oratorju till Misraħ Toni Bajjada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, Triq tal-Labour (from Triq il-Ġdida till Pjazza Vittorja), Vjal 21 ta' Settembru, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq Zenqa, Triq Santa Lucija and Triq il-Kbira.

Vehicles found in contravention to the order of this Notice are liable to be towed.

23rd August, 2013

POLICE NOTICE

No. 113

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones on the dates and times as indicated hereunder.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Awwissu, 2013, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Depiro k/m Manuel Dimech, S. Injazju, Blanche Cardona, Dingli, Norfolk, St Margerita, Melita, Isouard, Howard, Torri, Dun K. Psaila u Nazzarenu. It-traffiku inkluż ir-rotti tal-karozzi tal-linja ħa jkun affettwat.

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Awwissu, 2013, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: S. Elena k/m Manwel Dimech, Melita, S. Girgor, Depiro, S. Margerita, Dingli, Howard, Torri u Isouard. Ir-rotti tal-karozzi tal-linja ħa jkun affettwat.

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Awwissu, 2013, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Nazzarenu k/m il-Kulleġġ l-Antik, Margerita, S. Franġisk u t-Torri. It-traffiku inkluż ir-rotti tal-karozzi tal-linja ħa jkun affettwat.

Nhar il-Ħadd l-1 ta' Settembru, 2013, mill-10.00 a.m. sat-3.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Isouard, Depiro, Margerita, Nazzarenu, S. Franġisk, Melita, S. Elena, Iż-Żgħira u Blanche.

Nhar il-Ħadd l-1 ta' Settembru, 2013, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Nicolo Isouard, Blanche Huber, Dingli, Torri, S. Franġisk (Purċissjoni) u quddiem Peppi Kiosk.

Matul il-purċissjoni Triq it-Torri ħa tkun magħluqa għat-traffiku mis-7.00 p.m. Ir-rotta tal-karozzi tal-linja ħa tkun affettwata.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 114

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imqabba

Minn nhar it-Tnejn, is-26 ta' Awwissu, 2013 sal-Ġimgħa, it-30 ta' Awwissu 2013 il-ġurnata kollha minn Triq San Bażilju.

Il-vetturi misjuba li qed jiksru dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

Sliema

On Thursday, 29th August, 2013, from 8.00 p.m. till midnight through the following streets: Depiro c/w Manuel Dimech, S. Injazju, Blanche Cardona, Dingli, Norfolk, St Margerita, Melita, Isouard, Howard, Torri, Dun K. Psaila and Nazzarenu. Traffic including route buses will be effected

On Friday, 30th August 2013, from 8.00 p.m. till midnight through the following streets: S. Elena c/w Manwel Dimech, Melita, S. Girgor, Depiro, S. Margerita, Dingli, Howard, Torri and Isouard. Route buses will be effected.

On Saturday, 31st August 2013, from 8.00 p.m. till midnight through the following streets: Nazzarenu c/w il-Kulleġġ l-Antik, Margerita, S. Franġisk and Torri. Traffic including route buses will be effected.

On Sunday, 1st September, 2013, from 10.00 a.m. till 3.00 p.m. through the following streets: Isouard, Depiro, Margerita, Nazzarenu, S. Franġisk, Melita, S. Elena, Iż-Żgħira and Blanche.

On Sunday, 1st September, 2013, from 3.00 p.m. till midnight through the following sreets: Nicolo Isouard, Blanche Huber, Dingli, Torri, S. Franġisk (Procession) infront of Peppi Kiosk.

During the procession Triq it-Torri will be closed for traffic as from 7.00 p.m. Route buses will be effected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

23rd August, 2013

POLICE NOTICE

No. 114

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated

Imqabba

From Monday, 26th August, 2013 till Friday 30th August 2013, all day through Triq San Bażilju.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Settembru 2013, mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Santu Rokku.

Il-vetturi misjuba li qed jiksru dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Il-Kummisarju tal-Pulizija jgħarraf illi din li ġejja hija lista ta' vettura mitluqa u oġġetti oħra.

Dawn l-oġġetti jinsabu maħżuna fil-bitha tal-Pulizija f'Kajselli, ix-Xewkija, Għawdex.

Għamla *Make*	Kulur *Colour*
Fiat	Blue
Mercedes	Gold
Subaru	Silver
Renault Espace	Blue
Dodge truck	White
Toyota Starlet	Red
Citroen AX	Red
Mahindra Jeep	White

12 Large and small boats

It-23 ta' Awwissu, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 65 tal-2013

HSBC – Għawma bejn Għawdex u Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting,* Transport Malta, jgħarraf li l-HSBC se jorganizzaw attività tat-*Triathlon* b'risq il-Community Chest Fund nhar il-Ħadd, it-8 ta' Settembru, 2013 bejn Malta u Għawdex.

Il-parteċipanti se jitilqu minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, għal ħabta tat-8.30 a.m. Huma se jgħumu lejn il-*Blue Lagoon* f'Kemmuna u lejn iċ-Ċirkewwa fejn se jgħaddu bejn il-*farm* tat-tonn li jinsab fin-nofsinhar ta' Kemmuna u Kemmuna kif indikat fiċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta: (www.transport.gov.mt). Jekk it-temp

Ħal Għaxaq

On Friday, 6th September 2013, from 6.00 p.m onwards through Pjazza Santu Rokku.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

23rd August, 2013

POLICE NOTICE

The Commissioner of Police notifies that the following is a list of derelict vehicle and other objects.

These objects are stored at the Police Yard at Kajselli, Xewkija, Gozo.

23rd August, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 65 of 2013

HSBC – Swimming event between Gozo and Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that HSBC will be organising a Triathlon event in aid of the Community Chest Fund on Sunday, 8th September 201a3 between Gozo and Malta.

Participants will depart from Ħondoq ir-Rummien, Gozo at approximately 8.30 a.m. They are to swim towards the Blue Lagoon in Comino and then towards Ċirkewwa passing between the tuna farm located on the south side of Comino and Comino as per chart on Transport Malta's website: (www.transport.gov.mt). The swimming event is expected

jippermetti, l-għawma mistennija tieħu madwar erba' (4) sigħat.

Dgħajsa ta' għajnuna se tkun qed takkumpanja lill-parteċipanti.

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti u jbaħħru b'attenzjoni u bilmod u joqogħdu 'l bogħod miż-żona waqt il-ħin stipulat u jħallu spażju biżżejjed għall-għawwiema. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta VTS (Valletta Port Control).

Charts affettwati: BA 211A, 2537 and 2538

It-23 ta' Awwissu, 2013

to take around four (4) hours, weather permitting.

Support vessels will accompany the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and keep well clear of the area during the stipulated time giving the swimmers a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta VTS(Valletta Port Control)

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

23rd August, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 66 tal-2013

Qsim bejn Malta u Kemmuna b'ċattra

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting,* Transport Malta, jgħarraf li Bee media entertainment se jorganizzaw numru ta' *challenges* bejn gruppi ta' għaxra min-nies. Waħda minn dawn l-isfidi se tkun li jaqsmu miċ-Ċirkewwa, Malta lejn Wied Ternu f'Kemmunu b'ċattra, nhar it-Tnejn, id-9 ta' Settembru, 2013.

Il-parteċipanti se jibnu ċattra u jaqdfu lejn Wied Ternu f'Kemmuna mar-rotta murija fuq iċ-*chart* li tinsab fil-*website* ta' Transport Malta: (www.transport.gov.mt). Huma se jitilqu miċ-Ċirkewwa għal ħabta tad-9.00 a.m. Jekk it-temp jippermetti din l-attività mistennija tieħu madwar ħames jew sitt sigħat.

Dgħajsa bil-membri tal-għajnuna se tkun qed takkumpanja lill-parteċipanti.

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti u jbaħħru 'l b'attenzjoni u bilmod u joqogħdu 'l bogħod miż-żona waqt il-ħin stipulat u jħallu spażju biżżejjed liċ-ċattra. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta VTS (Valletta Port Control) u lid-dgħajjes tal-għajnuna.

Charts affettwati: BA 211A, 2537 and 2538

23 ta' Awwissu, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 66 of 2013

Malta Comino crossing with man made raft

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that Bee media entertainment will be organising a series of challenges between a group of ten people. One of these challenges will be to cross from Ċirkewwa, Malta to Wied Ternu in Comino with a man made raft, on Monday, 9 September, 2013.

Participants are to construct a raft and row over to Wied Ternu in Comino following the route shown on the chart on Transport Malta's website:(www.transport.gov.mt). They will depart from Ċirkewwa at approximately 9.00 a.m. This challenge event is expected to take around five to six (5 to 6) hours, weather permitting.

Emergency response support vessels will accompany the participating teams.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and keep well clear of the area during the stipulated time giving the man made raft a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta VTS(Valletta Port Control) and support vessels in the area.

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

23rd August, 2013

SERVIZZ PUBBLIKU TA' MALTA

Pożizzjoni ta' EU *Fund Manager* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 11 ta' Jannar, 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur Ġenerali, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' EU *Fund Manager* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Tul tal-*assignment* u kundizzjonijiet

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala EU *Fund Manager* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala EU *Fund Manager* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.2 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81.

2.3 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' EU *Fund Manager* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-assignment fis-seħħ.

2.4 Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer spiss fuq xogħol.

2.5 Il-persuna magħżula tkun ġeneralment mistennija taħdem ħinijiet normali tal-uffiċċju tas-Servizz Pubbliku, għalkemm l-esiġenzi tal-pożizzjoni jistgħu jeħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

2.6 Uħud mill-pożizzjonijiet jistgħu jiġu kkunsidrati għall-ko-finanzjament minn Fondi tal-UE minn Programmi fejn l-EU *Fund Manager* ikun/tkun assenjat/a.

MALTA PUBLIC SERVICE

Position of EU Fund Manager in the Malta Public Service

(Capacity building approval dated 11th January, 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director General, Public Administration HR Office invites applications for the position of EU Fund Manager in the Malta Public Service.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as EU Fund Manager in the Malta Public Service, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as EU Fund Manager during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be expected to relinquish the duties of EU Fund Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected candidate becomes higher than the maximum of Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

2.4 A selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

2.5 A selected applicant will generally be expected to work normal Public Service office hours, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

2.6 Some of the positions may be considered for co-financing by European Union Funds through the Programmes where the EU Fund Manager is assigned.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *EU Fund Manager* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa €23,422). Persuna f'din il-pożizzjoni tkun intitolata għal performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha.

Dmirijiet

4.1 Persuna fil-pożizzjoni ta' EU *Fund Manager* tista' tiġi assenjata lil xi *Line Ministry* jew wieħed mill-*horizontal stakeholders*, inklużi il-*Planning and Priorities Coordination Division*, il-*Funds and Programmes Division* u l-*EU Funds Programming Unit* fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali; l-*EU Certifying Authority*, l-*EU Paying Authority*, id-Dipartiment tat-Teżor, id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-*Budget Office* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi; u d-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

4.2. Id-dmirjiet speċifiċi tal-EU *Fund Manager* ikunu delineati fl-*assignment* skont fejn tiġi assenjata l-persuna nominata. Ir-rwoli differenti huma stabbiliti fil-manwal ta' proċeduri. Id-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' EU *Fund Manager* jinkludu li:

(i) Tikkoordina proġetti;
(ii) Tikkollabora kontinwament mal-*horizontal stakeholders* fuq affarijiet marbuta mal-Fondi u l-proġetti li jkunu qegħdin jiġu ko-finanzjati, skont fejn ikun assenjat l-EU *Fund Manager*;
(iii) Tgħin lill-aġenżiji u/jew lill-benefiċjarji matul il-perjodu tal-implimentazzjoni;
(iv) Tipprovdi gwida lill-aġenżiji u/jew lill-benefiċjarji wara li ssir konsultazzjoni mal-awtoritajiet relevanti u wara li ssir ir-riċerka meħtieġa;
(v) Tieħu ħsieb u/jew ddaħħal data f'*databases* elettroniċi użati għall-preservazzjoni u bdil ta' data;
(vi) Tgħin fil-proċessi ta' xiri u pagamenti relattivi;
(vii) Tipparteċipa fi proċessi ta' verifika/ċertifikazzjoni meta u kif meħtieġ;
(viii) Taġixxi bħala segretarju/a għal *steering u monitoring committees* li l-organizzazzjoni tista' tistabilixxi ;
(ix) Tassigura li r-rapurtaġġ dwar il-proġetti huwa fil-ħin u fil-livell meħtieġ;
(x) Tirraporta irregolaratajiet ;
(xi) Issegwi fl-organizzazzjoni kull irregolarita jew *notice of financial correction* li jkun maħruġ minn xi *stakeholder*;

(xii) Tagħmel verifiki (ta' dokumenti u billi jmorru fiżikament) fuq proġetti f'isem l-organizzazzjoni rilevanti;
(xiii) Tgħin lill-promoturi tal-proġetti waqt missjonijiet ta' verifika;
(xiv) Tgħin lill-organizazzjonijiet relevanti waqt l-għeluq ta' proġett jew programm;

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of EU Fund Manager is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently €23,422) plus a performance bonus of up to 10% of the basic salary.

Duties

4.1 The EU Fund Manager may be assigned to any of the Line Ministries or one of the horizontal stakeholders, including the Planning and Priorities Co-Ordination Division, the Funds and Programmes Division and the EU Funds Programming Unit within the Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto; the EU Certifying Authority, the EU Paying Authority, the Treasury Department, the Department of Contracts and the Budget Office within the Ministry of Finance; and the Internal Audit and Investigations Department within the Office of the Prime Minister.

4.2 The specific duties of the EU Fund Manager will be outlined in the assignment depending on where the officer is assigned. The different roles are established in the manual of procedures. The main duties of EU Fund Manager include:

(i) Co-ordinating projects;
(ii) Constantly liaising with the horizontal stakeholders, on issues pertaining to the Funds and the projects being co-financed, depending where the EU Fund Manager is assigned;
(iii) Support agencies and/or beneficiaries during the implementation period;
(iv) Provide internal guidance to agencies and/or beneficiaries after having consulted the relevant authorities and carried out the relevant research;
(v) Supervise and/ or input data into electronic databases used for the storing and exchange of data ;
(vi) Support the procurement and payment processes;
(vii) Participate in the verification/certification processes, when and if required;
(viii) Act as secretary to steering committees and other monitoring committees which the organisation may establish;
(ix) Ensure that reporting on projects undertaken by the project promoters is up to date and of the required standard;
(x) Report irregularities;
(xi) Follow-up internally within the organisation any irregularity or notice of financial correction issued by any of the stakeholders;
(xii) Carry out checks (documentary and physical) on the projects on behalf of the assigned organisation;
(xiii) Support project promoters during audit missions;

(xiv) Support relevant organisations during closure of project/programme;

(xv) Tipparteċipa f'taħriġ jew laqgħat f'isem l-organizzazzjoni kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta;

(xvi) Tagħmel xogħol ta' riċerka u tiġbor *data* fuq informazzjoni u *data* relatati mal-Ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-Fondi;

(xvii) Tipprovdi informazzjoni dwar il-fondi lill-aġenżiji fi ħdan l-organizzazjonijiet assenjati kif ukoll lill-pubbliku inġenerali;

(xviii) Tassisti dwar l-applikazzjonijiet tal-fondi lill-promoturi tal-proġetti prospettivi;

(xix) Tivverifika dokumenti (applikazjonjijet ta' proġetti, offerti, talbiet għall-pagamenti, *progress reports* etc) qabel ma jiġu sottomessi lill-awtoritajiet relevanti;

(xx) Tieħu ħsieb l-implimentazzjoni ta' pubbliċita neċessarja;

(xxi) Tassumi r-rwol ta' *line Ministry/horizontal stakeholder* skont fejn ikun assenjat l-EU *Fund Manager* skont kif stabbilit fil-manwal ta' proċeduri għall-Fondi;

(xxii) Twettaq xogħol amministrattiv u doveri oħra kif assenjati mis-Segretarju Permanenti ;

(xxiii) Twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.3 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tar-*Resourcing, Public Administration HR Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tal-*e-mail*: (resourcing.mpo@gov.mt).

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(xv) Participate in training / meetings locally and abroad on behalf of the organisation;

(xvi) Carry out research work and support the collection of data on matters related to the programming and implementation of the Funds;

(xvii) Provide information to the agencies falling within the assigned organisation/general public on the Funds;

(xviii) Assist potential project promoters with the submission of applications for funding;

(xix) Vet documents (project applications, tender dossiers, requests for payment, progress reports, etc.) prior to submission to the relevant authorities;

(xx) Overseeing the implementation of publicity requirements;

(xxi) Fulfilling the role of line Ministry/horizontal stakeholder (depending where the EU Fund Manager is assigned) as will be established in the manual of procedures for the Funds;

(xxii) Carry out administrative duties and other work as assigned by the relevant Permanent Secretary;

(xxiii) Carrying out any other duties according to exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4. 3. Further details of the job description of the position may be obtained from the Resourcing Directorate, Public Administration HR Office, Office of the Prime Minister, via the following e-mail address: (resourcing.mpo@gov.mt).

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża

(iii) (a) Ikollhom *post-graduate degree (Masters*) rikonoxxuta, f'livell 7 tal-MQF, fl-Istudji Ewopej jew Studji Internazzjonali jew *Management Studies* jew *Accountancy* jew Ekonomija jew *Business Studies* jew *Public Policy* jew Finanzi jew *Banking* jew Xjenzi Soċjali jew Kommunikazzjoni jew Studji Legali jew qasam ieħor ta' studju relatat, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u sena (1) esperjenza ta' xogħol relevanti; jew

(b) Ikollhom *first degree* rikonoxxuta, f'livell 6 tal-MQF fl-Istudji Ewopej jew Studji Internazzjonali jew *Management Studies* jew *Accountancy* jew Ekonomija jew *Business Studies* jew *Public Policy* jew Finanzi jew *Banking* jew Xjenzi Soċjali jew Kommunikazzjoni jew Studji Legali jew qasam ieħor ta' studju relatat, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u tlett (3) snin esperjenza ta' xogħol relevanti;

Kwalifiċi li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiċi imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiċi imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47);

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) (a) in possession of a recognised post-graduate degree (Masters), at MQF level 7, in European Studies or International Studies or Management Studies or Accountancy or Economics or Business Studies or Public Policy or Finance or Banking or Social Sciences or Communications or Legal Studies or a related area of study, or a recognized, appropriate comparable qualification, plus one year relevant work experience; or

(b) in possession of a recognised first degree, at MQF level 6, in European Studies or International Studies or Management Studies or Accountancy or Economics or Business Studies or Public Policy or Finance or Banking or Social Sciences or Communications or Legal Studies or a related area of study, or a recognized, appropriate comparable qualification, plus three years relevant work experience.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside

filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

Sottomossjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (*Resourcing*), Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Settembru, 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who have proven relevant work experience beyond what is requested in paragraph 5.1.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by the Director (Resourcing), Public Administration HR Office, Office of the Prime Minister, 3, Pjazza Kastilja, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 13th September, 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fuq il-*website* elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) jew jinkisbu mid-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni) Berġa ta' Kastilja, Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-fax tad-Direttorat riċeventi huwa + 356 2200 1319, filwaqt li l-indirizz elettroniku huwa: (resourcing.mpo@gov.mt).

medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by acessing the website of the Resourcing Directorate, Public Administration HR Office at the address: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) or may be obtained from the Director (Finance and Administration) Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is + 356 2200 1319 and the e-mail address is: (resourcing.mpo@gov.mt).

It-23 ta' Awwissu, 2013

23rd August, 2013

Uħud mill-pożizzjonijiet li qegħdin jidhru f'din is-sejħa għall-applikazzjonijiet jistgħu jkunu kkunsidrati għall-ko-finanzjament minn Fondi tal-Unjoni Ewropea

Some of the positions being advertised through this call for applications may be considered for co-financing by European Union Funds

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI EDUKATTIVI

Espressjoni ta' Interess għal-*Lecturers part-time* għall-Kors li jwassal għal Ċertifikazzjoni fl-Edukazzjoni għal-*Learning Support Assistants* biex jiġu Ngaġġati fuq Bażi ta' Kuntratt għal Servizz għas-Sena skolastika 2013-2014

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għal *Lecturers part-time* biex jaqdu dmirijiet fi ħdan id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi fid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti. Il-lecturing ser isir b'konnessjoni mal-kors ta' studju offrut mid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti u li jwassal għall-għoti ta' Ċertifikat għal-*Learning Support Assistants*. Dan huwa kors volontarju ta' 20 ġimgħa fil-livell 5 tal-MQF għal dawk li jixtiequ jkollhom il-kwalifika ta' dħul għall-post ta' *Learning Support Assistant* I.

2. Il-*units/modules* ta' studju li se jkunu koperti fil-kors imsemmi hawn fuq huma:

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

Expression of Interest for part-time Lecturers for the course leading to Certificate in Education for Learning Support Assistants to be Engaged on a Contract for Service Basis for the Scholastic Year 2013-2014

The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for part-time lecturers to perform duties within the Directorate for Educational Services in the Student Services Department. Lecturing will be in connection with the course of study offered by the Student Services Department and leading to the award of a Certificate in Education for Learning Support Assistants. This is an optional 20 week course rated at MQF Level 5 for those wishing to obtain the entry qualification for the post of Learning Support Assistant I.

2. The study units/modules to be covered in the above mentioned course are:

	Modules Offruti *Offered Modules*	Numru ta' Sigħat *Number of Hours*
1	*Seminar – Guidelines re: submission of assignments and research work*	*3 hours*
2	*Principles of Inclusive Education*	*7hours*

3	*Implementing IEPs*	*14 hours*
4	*Psychology of Learning and Applied Behavioural Analysis*	*14 hours*
5	*Supporting Students with SEBD*	*14 hours*
6	*Inter/Intra Personal Skills*	*14 hours*
7	*Supporting Students with Communication Difficulties*	*21 hours (Total)*
	Introduction to Communication - AAC, Language Development	
	Autism and Communication	*8.75 hours*
	Access to Technology for Curriculum and Communication	*3.5 hours*
	Using Technology to Support Literacy	*5.25 hours*
	Profound and Multiple Learning Difficulties (PMLD)	*3.5 hours*
8	*Addressing Diverse Individual Needs*	*21 hours (Total)*
	School Refusal (school phobia/Separation Anxiety)/Selective Autism	*1.75 hours*
	ADHD/ADD/ODD	*1.75 hours*
	General Learning Difficulties	*1.75 hours*
	Giftedness/Child Abuse	*1.75 hours*
	Bullying	*1.75 hours*
	Depression in Children/Social Isolation	*1.75 hours*
	Specific Learning Difficulties	*1.75 hours*
	Speech and Language Difficulties	*1.75 hours*
	Autistic Spectrum Disorders (ASD)	*1.75 hours*
	Visual Impairment	*1 hour*
	Hearing Impairment	*1.75 hours*
	Medical Conditions	*0.75 hours*
	Physical Disabilities	*1.75 hours*
9	*Child & Adolescent Development*	*14 hours (Total)*
	Introduction to study unit, developmental concepts, lines of development, expectations re assignment, referencing system	*1.75 hours*
	Main theories of development - an overview + Stern and Kohut	*1.75 hours*
	Freud's model of personality +psycho-sexual development	*1.75 hours*
	Adler and Mahler	*1.75 hours*
	Psycho-social Dev. : Erickson, Maslow	*1.75 hours*
	Bandura, Vygotsky and Attachment Theory	*1.75 hours*
	Moral and Spiritual Development (Piaget & Kohlberg)	*1.75 hours*
	Cognitive Development: Piaget, Bruner + language	*1.75 hours*
10	*Numeracy*	*7 hours*
11	*Literacy*	*14 hours*

3. Kull unit offrut ser jiġi assessjat b'*assignment* jew b'*test*. Fl-aħħar tal-kors ikun hemm eżami finali. Il-*lectures* normalment isiru matul is-sena skolastika bejn it-3.30 p.m. u s-7.30 p.m.

4. Ir-renumerazzjoni, li tkopri l-immarkar ta' assignments, tests u l-eżami finali, tkun ta' €22.14, VAT mhux inkluża, is-siegħa.

5. L-applikanti għandhom ikollhom fil-pussess tagħhom *post-graduate degree (Masters)* rikonnoxuta fil-livell 7 tal-MQF, jew kwalifika oħra rikonoxxuta xierqa komparabbli fil-*unit /module* li qed japplikaw għalih.

6. Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandhom jkollhom magħhom

3. Each unit/module offered will be assessed through either an assignment or a test. A final examination will be held at the end of the course. Lectures are normally held during the course of the scholastic year between 3.30 pm and 7.30 pm.

4. Remuneration, which covers the markings of assignments, tests and the final exam, will be at €22.14 excluding VAT per hour.

5. Applicants must be in possession of a recognised post graduate degree (Masters) at MQF Level 7 or a recognised appropriate comparable qualification related to the study unit/module applying for.

6. Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Diploma/Degree/ Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript in English (Diploma/

transcript, bl-Ingliż (*Diploma/Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

7. Iċ-ċertifikati oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8. Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

9. L-applikanti huma eżentati milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric).

10. L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn unit /module wieħed (imsemmi f'paragrafu 2) billi jimlew applikazzjoni għal kull unit ta' studju li qed japplikaw għalih.

11. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adattat. L-applikanti magħżula jiġu mitluba jiffirmaw kuntratt.

12. Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-*Customer Care* tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju il-Kbir, il-Floriana. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-format tal-*European Curriculum Vitae* format jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

(https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx)

(http://europass.cedefop.europa.eu)

jew tinkiseb mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

14. Sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet, inkluż CV dettaljat,, jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-Customer Care, Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Central European Time) ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Settembru, 2013.

It-23 ta' Awwissu, 2013

Certificate supplement), showing the Degree obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8. With respect to qualifications produced in response to the call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statements should be attached to the application and the original presented at the interview.

9. Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric).

10. Applicants may apply for more than one unit/module (in paragraph 2) by filling-in separate application forms per unit/module.

11. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability. Selected applicants would be requested to sign a contract.

12. The result of the interviews will be published by the Directorate for Educational Services and exhibited on the Customer Care notice-board of the Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana. A notification of the issue of the results will be duly published in the Government Gazette.

13. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:-

(https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx)

(http://europass.cedefop.europa.eu/)

or obtained from the Customer Care Unit, Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana VLT 2000 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

14. Submissions, including a detailed CV, will be received by the Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 or the Education Office, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 6th September, 2013.

23rd August, 2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI EDUKATTIVI

Espressjoni ta' Interess għal-*Lecturers part-time* għall-kors li jwassal għal Ċertifikat ta' Attendenza – *Supporting Students with Individual Educational Needs* - biex jiġu ngaġġati fuq bażi ta' kuntratt għal Servizz għas-Sena Skolastika 2013-2014.

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għal-*Lecturers part-time* biex jaqdu dmirijiet fi ħdan id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi fid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti. Il-lecturing se jsir b'konnessjoni mal-kors ta' studju offrut mid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti u li jwassal għall-għoti ta' Ċertifikat ta' Attendenza - *Supporting Students with Individual Educational Needs*. Dan huwa kors obbligatorju ta' 10 ġimgħat għas-*Supply Learning Support Assistants*.

2. Il-*units* ta' studju li se jkunu koperti fil-kors imsemmi hawn fuq huma:

	Study Units offruti *Study Units Offered*	Numru ta' sigħat *Number of Hours*
1	*Seminar – Guidelines re: submission of assignments and research work*	*3 hours*
2	*Principles of Inclusive Education*	*3.5 hours*
3	*MAPs & IEPs*	*14 hours*
4	*Learning Process*	*7 hours*
5	*Behaviour Management*	*7 hours*
6	*Child Development*	*7 hours*
7	*The Inclusive Curriculum Implementation*	*8.75 hours*
8	*The Inclusive Curriculum Access Arrangements for Exams*	*1.75 hours*
9	*Working within a Team:,*	*7 hours*
	Teacher/LSA	*3.5 hours*
	Parent/LSA	*3.5 hours*
10	*Supporting Different Needs:*	*14 hours (Total)*
	ADHD/ GDD	*5.25 hours*
	Down syndrome	*1.75 hours*
	Autism	*7 hours*

3. Kull unit offrut ser jiġi assessjat b'assignment jew b'*test*. Fl-aħħar tal-kors ikun hemm eżami finali. Il-*lectures* normalment isiru matul is-sena skolastika bejn it-3.30 pm u is-7.30 p.m.

4. Ir-renumerazzjoni, li tkopri l-immarkar ta' *assignments, tests* u l-eżami finali, tkun ta' €22.14, VAT mhux inkluża, is-siegħa.

5. L-applikanti għandhom ikollhom fil-pussess tagħhom *post-graduate degree* (*Masters*) rikonnoxuta fil-livell 7 tal-MQF, jew kwalifika oħra rikonoxxuta xierqa komparabbli fil-*unit /module* li qed japplikaw għalih.

6. Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

Expression of Interest for Part-Time Lecturers for the Course Leading to Certificate of Attendance – Supporting Students with Individual Educational Needs – to be Engaged on a contract for service basis for the Scholastic Year 2013-2014

The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for part-time lecturers to perform duties within the Directorate for Educational Services in the Student Services Department. Lecturing will be in connection with the course of study offered by the Student Services Department and leading to the award of a Certificate of Attendance - Supporting Students with Individual Educational Needs. This is a compulsory 10 week course for Supply Learning Support Assistants.

2. The study units to be covered in the above mentioned course are:

3. Each unit offered will be assessed through either an assignment or a test. A final examination will be held at the end of the course offered. Lectures are normally held during the course of the scholastic year between 3.30 pm and 7.30 pm.

4. Remuneration, which covers the markings of assignments, tests and the final exam, will be at €22.14 excluding VAT per hour.

5. Applicants must be in possession of a recognised post-graduate degree (Masters) at MQF Level 7 or a recognised appropriate comparable qualification related to the study unit/module applying for.

6. Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which

kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandhom jkollhom magħhom transcript, bl-Ingliż (*Diploma*/*Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

7. Iċ-ċertifikati oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8. Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

9. L-applikanti huma eżentati milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric).

10. L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn *unit* wieħed (imsemmi f'paragrafu 2) billi jimlew applikazzjoni għal kull *unit* ta' studju li qed japplikaw għalih.

11. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adattat. L-applikanti magħżula jiġu mitluba jiffirmaw kuntratt.

12. Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mid-Direttorat għal Servizzi Edukkativi u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-*Customer Care* tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-format ta' *European Curriculum Vitae* jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx
http://europass.cedefop.europa.eu

jew tinkiseb mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex.

14. Sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet, inkluż CV dettaljat, jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Settembru, 2013.

It-23 ta' Awwissu, 2013

should be attached to the application. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript in English (Diploma/Certificate supplement), showing the Degree obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8. With respect to qualifications produced in response to the call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statements should be attached to the application and the original presented at the interview.

9. Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric).

10. Applicants may apply for more than one unit (in paragraph 2) by filling-in separate application forms per study unit.

11. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability. Selected applicants would be requested to sign a contract.

12. The result of the interviews will be published by the Directorate for Educational Services and exhibited on the Customer Care notice-board of the Directorate for Educational Services, Great Siege Road Floriana. A notification of the issue of the results will be duly published in the Government Gazette.

13. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:-

https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx
http://europass.cedefop.europa.eu/

or obtained from the Customer Care Unit, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

14. Submissions, including a detailed CV, will be received by the Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 or the Education Office, Fortunato Mizzi Street Victoria, Gozo, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 6th September, 2013.

23rd August, 2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI EDUKATTIVI

Espressjoni ta' Interess għall-Kapijiet ta' Skola Rtirati u/jew Assistenti Kapijiet ta' Skola Rtirati biex jiġu ngaġġati bħala *Practice Placement Tutors* fuq bażi ta' kuntratt għal servizz għas-sena skolastika 2013-2014

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet mingħand Kapijiet ta' Skola rtirati u/jew Assistenti Kapijiet ta' Skola biex jaqdu dmirijiet ta' *Practice Placement Tutors* fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi fid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti. Id-dmirijiet ta' *Practice Placement tutoring* ser ikunu matul iż-żewġ korsijiet ta' studju imsemmija hawn taħt:

Ċertifikat ta' Attendenza: *Supporting Individual Educational Needs* (kors ta' 10 ġimgħat)

Ċertifikat fl-Edukazzjoni għal-*Learning Support Assistants* (Kors ta' 20 ġimgħa)

2. L-applikanti magħżula huma mistennija jagħmlu żewġ (2) *Practice Placement Visits* (PPVs) għal kull parteċipant tal-kors. F'ċertu każijiet jista' jkun hemm bżonn tat-tielet żjara. Iż-żjajar isiru kollha matul il-ħin tal-iskola.

3. Ir-renumerazzjoni, li tkopri wkoll l-kumpilazzjoni ta' *visit reports*, tkun ta' €12 VAT mhux inkluża kull żjara.

4. L-applikanti huma meħtieġa jipprovdu evidenza dokumentata tal-grad li kellhom (applikanti li diġà kienu fis-Servizz Ċivili ta' Malta jridu juru Record Form tas-Servizz u l-Leave (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx), jipprovdu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux iktar kmieni minn xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni, u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Sevizz Pubbliku billi jagħtu dettalji).

5. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adattat. L-applikanti magħżula jiġu mitluba jiffirmaw kuntratt.

6. Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-*Customer Care* tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern.

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

Expression of Interest for Retired Heads of School and/or Retired Assistant Heads of School to be engaged as Practice Placement Tutors on a contract for service basis for the scholastic year 2013-2014

The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications from retired Heads of School and/or Assistant Heads of School to perform duties as Practice Placement Tutors within the Directorate for Educational Services in the Student Services Department. Practice Placement tutoring duties will be during the two courses of studies listed below:

Certificate of Attendance: Supporting Individual Educational Needs (10 wk course).

Certificate in Education for Learning Support Assistants (20 wk course)

2. Successful applicants will be expected to conduct two (2) Practice Placement Visits (PPVs) per course participant. In certain cases a third visit may be required. All visits will be conducted during school hours.

3. Remuneration, which also covers the compilation of visit reports, will be at €12 excluding VAT per visit.

4. Applicants must produce documented evidence of their previous grade (applicants who were in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx), produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application, and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability. Selected applicants would be requested to sign a contract.

6. The result of the interviews will be published by the Directorate for Educational Services and exhibited on the Customer Care notice-board of the Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana. A notification of the issue of the results will be duly published in the Government Gazette.

7. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-format tal-*European Curriculum Vitae* jistgħu jitniżżlu minn dawn *websites*:

(https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx)
(http://europass.cedefop.europa.eu)

jew tinkiseb mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

8. Sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet, inkluż CV dettaljat, jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Settembru, 2013.

It-23 ta' Awwissu, 2013

FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI
TA' ĦARSIEN SOĊJALI

Internal Audit Accountant

Il-Kariga

Il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Internal Audit Accountant* fuq kuntratt ta' 3 snin.

Ir-Rwol

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin fid-data u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, it-30 ta' Awwissu, 2013, għall-provvista ta':-

CFQ/2121/13. Provvista ta' *DCS plates 95 degrees.*

CFQ/2122/13. Provvista ta' *intravalve controlled valvuloplanty.*

CFQ/2123/13. Provvista ta' *introducer sets 6fr.*

CFQ/2129/13. Provvista ta' *ethyl chloride spray.*

CFQ/2130/13. Provvista ta' *sodium chloride 5.85 to 7% sterile hypertonic saline for nebulisation.*

CFQ/2131/13. Provvista ta' *buspirone 10mg tablets.*

CFQ/2138/13. Provvista ta' *one step pregnancy test kits.*

CFQ/2140/13. Provvista ta' *glycopyrolate 0.6mg injections.*

CFQ/2141/13. Provvista ta' *ethosuximide 250mg capsules.*

CFQ/2142/13. Provvista ta' *aprepitant 80mg* u *125mg capsules.*

CFQ/2144/13. Provvista ta' *straight radio focus guide wire.*

CFQ/2146/13. Provvista ta' *nettleship punctum dilator.*

CFQ/2147/13. Provvista ta' *gentamicin 80mg injections.*

CFQ/2148/13. Provvista ta' *hydroxycobalamin kit.*

CFQ/2152/13. Provvista ta' *domperidone 10mg tablets.*

CFQ/2155/13. Provvista ta' *sufentanil citrate 0.015mg injections x 2ml.*

CFQ/2159/13. Provvista ta' *mayo stand cover size 60x140cm.*

CFQ/2161/13. Provvista ta' *pipettors.*

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin fid-data u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-6 ta' Settembru, 2013, għall-provvista ta':-

CFQ/2116/13. Provvista ta' *hi torque guidewire 0.014" 300cms.*

CFQ/2117/13. Provvista ta' *metoclopramide HCl 10mg tablets.*

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:-

Electronic quotations in respect of the following notices will be received on the date and times indicated below. Quotations are to be submitted ONLY online on: (www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. of Friday, 30th August, 2013, for the supply of:-

CFQ/2121/13. Supply of DCS plates 95 degrees.

CFQ/2122/13. Supply of intravalve controlled valvuloplanty.

CFQ/2123/13. Supply of introducer sets 6fr.

CFQ/2129/13. Supply of ethyl chloride spray.

CFQ/2130/13. Supply of sodium chloride 5.85 to 7% sterile hypertonic saline for nebulisation.

CFQ/2131/13. Supply of buspirone 10mg tablets.

CFQ/2138/13. Supply of one step pregnancy test kits.

CFQ/2140/13. Supply of glycopyrolate 0.6mg injections.

CFQ/2141/13. Supply of ethosuximide 250mg capsules.

CFQ/2142/13. Supply of aprepitant 80mg and 125mg capsules.

CFQ/2144/13. Supply of straight radio focus guide wire.

CFQ/2146/13. Supply of nettleship punctum dilator.

CFQ/2147/13. Supply of gentamicin 80mg injections.

CFQ/2148/13. Supply of hydroxycobalamin kit.

CFQ/2152/13. Supply of domperidone 10mg tablets.

CFQ/2155/13. Supply of sufentanil citrate 0.015mg injections x 2ml.

CFQ/2159/13. Supply of mayo stand cover size 60x140cm.

CFQ/2161/13. Supply of pipettors.

Electronic quotations in respect of the following notices will be received on the date and times indicated below. Quotations are to be submitted ONLY online on: (www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. of Friday, 6th September, 2013, for the supply of:-

CFQ/2116/13. Supply of hi torque guidewire 0.014" 300cms.

CFQ/2117/13. Supply of metoclopramide HCl 10mg tablets.

CFQ/2118/13. Provvista ta' *misoprostol 200mcg tablets*.

CFQ/2119/13. Provvista ta' *specific allergens by ELISA*.

CFQ/2120/13. Provvista ta' *ursodeoxycholic acid 150mg tablets*.

CFQ/2124/13. Provvista ta' *omeprazole 20mg MUPS*.

CFQ/2125/13. Provvista ta' *alginate compound satchets*.

CFQ/2126/13. Provvista ta' *bowel cleansing preparation (Paediatric)*.

CFQ/2127/13. Provvista ta' *glycerol 1g Supp (Paediatric)*.

CFQ/2128/13. Provvista ta' *loperamide HCl capsules*.

CFQ/2132/13. Provvista ta' *hydofilm plus dressing , Size 5 x 7cms*.

CFQ/2133/13. Provvista ta' *tracheostomy equipment box*.

CFQ/2134/13. Provvista ta' *tracheostomy tubes uncuffed fenestrated, size 4*.

CFQ/2135/13. Provvista ta' *tracheostomy tubes cuffed unfenestrated, size 10*.

CFQ/2136/13. Provvista ta' *tracheostomy tubes uncuffed plain, size 4*.

CFQ/2137/13. Provvista ta' *disposable paediatric mapelson C Circuit, 1 litre*.

CFQ/2139/13. Provvista ta' *diathermy electrode quiver.*

CFQ/2143/13. Provvista ta' *soloist + cables*.

CFQ/2145/13. Provvista ta' *liquid nitrogen in dewar.*

CFQ/2149/13. Provvista ta' *hickman repair kit*.

CFQ/2150/13. Provvista ta' *milk substitute powder soya free*.

CFQ/2151/13. Provvista ta' *sodium bicarbonate 500-600mg capsules*.

CFQ/2151A/13. Provvista ta' *20% dextrose infusion by 500ml IV infusion*.

CFQ/2153/13. Provvista ta' *ferrous gluconate tablets*.

CFQ/2154/13. Provvista ta' *8.4% sodium bicarboate x 200ml IV infusions*.

CFQ/2156/13. Provvista ta' *UTM Swabs*.

CFQ/2157/13. Provvista ta' *vicryl ties G1*.

CFQ/2158/13. Provvista ta' *consumables for portable drager oxylog 300 ventilator.*

CFQ/2160/13. Provvista ta' *spatula electrode straight*.

CFQ/2162/13. Provvista ta' *perforated basket and reusable filter.*

CFQ/2163/13. Provvista ta' *humidifier tank for breas cpap*.

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System:* (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża

CFQ/2118/13. Supply of misoprostol 200mcg tablets.

CFQ/2119/13. Supply of specific allergens by ELISA.

CFQ/2120/13. Supply of ursodeoxycholic acid 150mg tablets.

CFQ/2124/13. Supply of omeprazole 20mg MUPS.

CFQ/2125/13. Supply of alginate compound satchets.

CFQ/2126/13. Supply of bowel cleansing preparation (Paediatric).

CFQ/2127/13. Supply of glycerol 1g Supp (Paediatric).

CFQ/2128/13. Supply of loperamide HCl capsules.

CFQ/2132/13. Supply of hydofilm plus dressing , Size 5 x 7cms.

CFQ/2133/13. Supply of tracheostomy equipment box.

CFQ/2134/13. Supply of tracheostomy tubes uncuffed fenestrated, size 4.

CFQ/2135/13. Supply of tracheostomy tubes cuffed unfenestrated, size 10.

CFQ/2136/13. Supply of tracheostomy tubes uncuffed plain, size 4.

CFQ/2137/13. Supply of disposable paediatric mapelson C Circuit, 1 litre.

CFQ/2139/13. Supply of diathermy electrode quiver.

CFQ/2143/13. Supply of soloist + cables.

CFQ/2145/13. Supply of liquid nitrogen in dewar.

CFQ/2149/13. Supply of hickman repair kit.

CFQ/2150/13. Supply of milk substitute powder soya free.

CFQ/2151/13. Supply of sodium bicarbonate 500-600mg capsules.

CFQ/2151A/13. Supply of 20% dextrose infusion by 500ml IV infusion.

CFQ/2153/13. Supply of ferrous gluconate tablets.

CFQ/2154/13. Supply of 8.4% sodium bicarboate x 200ml IV infusions.

CFQ/2156/13. Supply of UTM Swabs.

CFQ/2157/13. Supply of vicryl ties G1.

CFQ/2158/13. Supply of consumables for portable drager oxylog 300 ventilator.

CFQ/2160/13. Supply of spatula electrode straight.

CFQ/2162/13. Supply of perforated basket and reusable filter.

CFQ/2163/13. Supply of humidifier tank for breas cpap.

These quotation documents are free of charge.

Quotation documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System: (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this

l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet fil-ħinijiet u d-data msemmija hawn fuq.

It-23 ta' Awwissu, 2013

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru tas-Saħħa) jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, it-23 ta' Settembru, 2013. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt). Dan l-offerti ġew pubblikati nhar l-14 ta' Awwissu 2013, fuq: (www.etenders.gov.mt).

DH2282/12. Provvista, installazzjoni u konsenja ta' *metal security windows, shutters and working top* fl-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek.

DH1291/13. Analiżi ta' *pesticide residues in baby food*.

CPSU/CPU/3095/13. Kuntratt ghall-provvista ta' *doxycycline hydrochloride 100mg I.V injections*.

CPSU/CPU/3097/13. Kuntratt għall-provvista ta' *pre-packed total hip replacement drapes and consumables set*.

CPSU/CPU/3098/13. Kuntratt għall-provvista ta' *dapsone 100mg, scored tablets*.

CPSU/CPU/3099/13. Kuntratt għall-provvista ta' *therapeutic apheresis kits*.

CPSU/CPU/3100/13. Kuntratt għall-provvista ta' *levodopa 100mg with carbidopa 10mg tablets*.

Id-dokumenti ta' dawn l-offerti jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System:* (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Malti għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija hawn fuq.

It-23 ta' Awwissu, 2013

website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of quotations at the times and dates specified above.

23rd August, 2013

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:-

Electronic tenders in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. of Monday, 23rd September, 2013. Tenders are to be submitted ONLY online on: (www.etenders.gov.mt). These where published on: (www.etenders.gov.mt) on the 14th August 2013.

DH2282/12. Supply, Installation and Delivery of metal security windows, shutters and working top at the Pharmacy of Your Choice (POYC).

DH1291/13. Analysis of pesticide residues in baby food.

CPSU/CPU/3095/13. Framework contract for the supply of doxycycline hydrochloride 100mg I.V injections.

CPSU/CPU/3097/13. Framework contract for the supply of pre-packed total hip replacement drapes and consumables set.

CPSU/CPU/3098/13. Framework contract for the supply of dapsone 100mg, scored tablets.

CPSU/CPU/3099/13. Framework contract for the supply of therapeutic apheresis kits.

CPSU/CPU/3100/13. Framework contract for the supply of levodopa 100mg with carbidopa 10mg tablets.

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System: (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

23rd August, 2013

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi:

Sad-10.00 a.m. ta' nhar is-Sibt, is-7 ta' Settembru, 2013, qed jilqa' offerti bħala parti mill-proġett ta' konservazzjoni kulturali u turistika tal-Għarb. għal:

Avviż Nru. M323-19. It-tieni faži tar-Restawr tal-Knisja Parrokkjali tal-Għarb.

Prezz tad-dokument tal-offerta: €100.

Id-dokumenti u aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Kunsill Lokali l-Għarb, Triq il-Viżitazzjoni, Għarb GRB 1044.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifuta kull offerta anki l-iktar waħda vantaġġuża.

It-23 ta' Awwissu, 201

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Saturday, 7th September 2013, as part of Għarb's cultural and touristic conservation project for:

Advt. No. M323-19. Restoration of Għarb Parish Church Phase 2.

Tender Document Fee: €100.

Relative documents and further information can be obtained from the Għarb Local Council, Triq il-Viżitazzjoni, Għarb GRB 1044.

The Council reserves the right to refuse all offers, even the most advantageous.

23rd August, 2013

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007-2013
Assi 3 - Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja fiż-Żoni Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Fondi UE u 25% Fondi Nazzjonali
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti fiż-Żoni Rurali

Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013
Axis 3 – Improving the Quality of Life in Rural Areas
Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe Investing in Rural Areas

KUNSILL LOKALI ĦAD-DINGLI

Il-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jgħarraf li:

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, it-13 ta' Settembru, 2013, qed tilqa' offerti magħluqin fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli għal:

Avviż Nru. DLC/02/2013. Servizz ta' Perit.

L-informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli (Tel: 2145 6060) bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m.

Il-kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe jew kull offerta.

It-23 ta' Awwissu, 2013

ĦAD-DINGLI LOCAL COUNCIL

The Ħad-Dingli Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received at the Local Council Offices, Community Centre, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli by not later than noon of Friday, 13th September, 2013 for the following:

Advt. No. DLC/02/2013. Services of an Architect.

Information can be obtained from the Local Council Offices, Community Centre, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli (Tel: 2145 6060) between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

The council reserves the right to refuse any offer.

23rd August, 2013

KUNSILL LOKALI MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jgħarraf illi kwotazzjonijiet (Kwot. Nru. 5/2013) dwar l-istampar ta' ktieb skont speċifikazzjoniet li jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa.

Is-Segretarjat tal-Kunsill jista' jiġi kkuntattjat fuq in-numri tat-telefon: 2152 1333, *fax:* 2152 1666 jew *e-mail*: (mellieha.lc@gov.mt).

Il-kwotazzjonijiet għandhom jaslu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill sa mhux aktar tard mit-3.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Settembru, 2013.

It-23 ta' Awwissu, 2013

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council will consider quotations (Quot. No. 5/2013) for the printing of a book according to specifications available on request from the Council Administrative Office at 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa.

The Council Secretariat may be contacted on telephone: 2152 1333, fax: 2152 1666 or through e-mail address: (mellieha.lc@gov.mt).

Quotations are to be sent to the Council's administrative office by not later than 3.00 p.m. of Friday, 6th September, 2013.

23rd August, 2013

ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Settembru, 2013, fl-Uffiċċju tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, tilqa' offerti magħluqin għal:

Avviż. Nru. LCA/08/2013. Provvediment ta' riċerka u konsulenza għall-ġbir selettiv tal-iskart organiku f'żoni turistiċi u valorizzazzjoni tal-impjanti tal-kompost *(SCOW)*.

Id-dokumenti jistgħu jitniżżlu mill-*website* tal-AKL: (www.lca.org.mt).

L-Assoċjazzjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

It-23 ta' Awwissu, 2013

LOCAL COUNCILS' ASSOCIATION

The Local Councils' Association notifies that:

Sealed tender will be received at the Association Office, 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, up to 10.00 a.m. of Friday, 20th September, 2013, for:

Advt. No. LCA/08/2013. Provision of research and consultancy for the selective collection of the organic waste in tourist areas and valorisation in farm composting plants (SCOW).

The documents can be downloaded from the LCA's website: (www.lca.org.mt).

The Association reserves the right not to accept even the most advantegeous offer.

23rd August, 2013

KUNSILL LOKALI IR-RABAT (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali Ir-Rabat (Għawdex) jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Settembru, 2013, fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 01/13. Żbir u bexx ta' siġar tal-palm fir-Rabat, Għawdex.

Aktar dettalji jinkisbu mill-Kunsill Lokali fuq in-numru tat-telefon: 2156 3344.

It-23 ta' Awwissu, 2013

RABAT (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Council's Administrative Offices up to noon of Friday, 13th September, 2013, for:-

Quot. No. 01/13. Pruning and spraying of palm trees in Victoria, Gozo.

Further details may be obtained from the Local Council's telephone number: 2156 3344.

23rd August, 2013

KUMITAT KONĠUNT LVANT

Il-Kumitat Konġunt Lvant, Infurzar u ordni pubblika, Grupp H jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tal-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2013, jintlaqħu offerti magħluqin fil-Kunsill Lokali Tas-Sliema għal:

Avviż Nru. JC/LV/01/2013. *Scanning* tad-dokumenti uffiċjali kollha mill-1999, għal skop ta' arkivjar.

Id-dokument tal-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema, bi ħlas ta' €50, waqt il-ħinjiet tal-uffiċċju. L-offerti għandhom jiġu sottomessi f'envelop magħluq. Id-dokumenti tal-offerta ser jinfetħu pubblikament hekk kif jagħlaq il-ħin stipulat.

Il-Kumitat Konġunt Lvant jirriżerva kull dritt sabiex jirrifjuta kull offerta, jew parti minnha anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Aktar informazzjoni dwar dan, tista' tinkiseb mill-Uffiċjal Awtorizzat tal-Lvant fuq telefon: 2137 4378, 9949 3838 u wkoll permezz ta' email fuq : (tribunal.grouph@gmail.com).

It-23 ta' Awwissu, 2013

LVANT JOINT COMMITTEE

The Lvant Joint Committee, Local Enforcement and public order, Group H notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Tas-Sliema Local Council up to noon of Wednesday, 25 September, 2013 for:-

Advt. No. JC/LV/01/2013. Scanning of all its official documents as from 1999 for the purpose of archiving.

Tender documents may be obtained from the Tas-Sliema Local Council during office hours against a fee of €50. Tenders must be submitted in a sealed envelope. Tenders will be publicly opened at closing time.

The Lvant Joint Committee reserves the right to refuse all quotations even the most advantageous.

Further details are obtained from the Lvant Authorised Officer on 2137 4378, 9949 3838 and on email: (tribunal.grouph@gmail.com).

23rd August, 2013

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1322

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-17 ta' Ottubru, 2011, fuq talba ta' Maria Melita Anastasi et, ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil sidien mħux magħrufa fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu u kontestwali fidi ta' cens fl-ismijiet Maria Melita Anastasi et vs Kuraturi Deputati, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u fidi, ippreżentata, fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet Maria Melita armla minn Emanuel Anastasi K.I. 056319(M) bint Alexander Ritchie u Adelina née Vassallo, imwielda Marsa u residenti Ħamrun u Constantina armla minn Gerald Balzan (K.I. 119823M, bint Alexander Ritchie u Adelina née Vassallo, imwielda Marsa u residenti Ħamrun vs Kuraturi Deputati nominati b'digriet datat biex jirrapreżentaw sidien mhux

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To the Court Marshall

By means of a decree given by this Court, on the 17 th October, 2011, following a request of Melita Anastasi et, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown superior owners in the records of the Schedule of Deposit and contextual redemption of groundrent in the names Maria Melita Anastasi et vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and redemption, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Maria Melia widow of Emanuel Anastasi ID 056319(M) daughter of Alexander Ritchie and Andelina née Vassallo, born in Marsa and residing in Ħamrun and Constantina widow of Gerald Balzan, (ID 119823M) daughter of Alexander Ritchie and Adelina née Vassallo, born in Marsa and residing in Ħamrun vs Deputy Curators appointed by decree to represent the

magħrufa, fl-14 ta' Ottubru, 2011, iċ-Ċedoland Maria Melita Anastasi et esponiet bir-rispett;

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru uffiċjali erbgħa u ħamsin (54) u bl-isem 'Lily' fi Triq Atocia, l-Ħamrun, kif ukoll tal-fond bin-numru uffiċjali sitta u ħamsin (56) bl-isem 'Rose' f'Triq Atocia l-Ħamrun, kif soġġetti kull fond għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €4.17.

Illi dan il-fondi ġew mibnija fuq sit fabbrikabbli akkwistat minn missier l-esponenti ossia Alexander Ritchie, b' kuntratt fl-atti tan-Nutar Ettore Francesco Vassallo, datat 13 ta' Ġunju, elf disgħa mija tnejn u tletin.

Illi dan iċ-ċens jitħallas lill-intimati.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħħom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-Artikolu 1501 tal-Kapitolu 16 u jifdi iċ-ċens u għaldaqstant qed jiddepożitaw taħt l-Awtorita ta' din il-Qorti, is-somma ta'€166.80c, li tirrapreżenta l-ammont ta' €8.34, kapitalizzata bir-rata ta' 5%,sabiex tiġi liberament bankata mill-intimati kontra r-rilaxx tas-solita riċevuta skont il-ligi.

Depożitanti: Flat 2, Triq San Vinċenz, Bini Famygage, Ħamrun.

138, Englan, Qormi Road, Ħamrun.

Intimat: Kuraturi Deputati, il-Qorti.

Not. Ulterjuri : Direttur Registru Pubbliku (2 kopji).
Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta.

Għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-dahla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min jrid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidhol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel Kuraturi tal-Uffiċċju .

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, hawn fuq imsemmi bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph Zammit Mckeon L.L.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 17 ta'Ottubru, 2011.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta'Awwissu, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

unknown owners, on the 14th October, 2011, the Depositor Maria Melita Anastasi et, rescpectfully pleaded;

That the interpellants are the owners of the premises with official number fifty four (54) and with the name 'Lily' in Triq Atocia, Ħamrun, as well as the premises with official number fifty six (56) with the name 'Rose' in Triq Atocia, Ħamrun as subject each premises to the annual and perpetual groundrent of €4.17.

That these premises were built on a building site acquired by the father of the interpellants or rather Alexander Ritchie by means of a contract in the records of Notary Ettore Francesco Vassallo, dated 13th June one thousand nine hundred thirty two.

That this groundrent is paid to the respondents.

That the interpellants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of Chapter 16 and redeem this groundrent and are depositing under the Authority of this Court, the sum of €166.80c, which represents the amount of €8.34 capitalised at the rate of 5% in order to be freely withdrawn by the respondents against the release of the usual recipt according to law.

Depositors: Flat 2, Triq San Vincenz, Bini Famygage, Ħamrun.

138, Englan, Qormi Road, Ħamrun.

Respondent: Deputy Curators, Courts of Justice.

Further Service: Director Public Registry (2 copies),
Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall,above mentioned,with the witness of the Hon. Mr. Justice Joseph Zammit Mckeon, L.L.D.,Doctor of Laws.

Today 17th October, 2011.

Registry of the Superior Courts, today 19th August, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1323

B'digriet mogħti, fid-9 ta' Awissu 2013, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja),fl-atti tar-Rikors Ġenerali, fl-ismijiet Ramona Borg vs Kenneth Camilleri, rikors numru 384/13 RGM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, Ramona Borg, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors b' Urġenza, ippreżentat, minn Kenneth Camilleri, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Ramona Borg vs Kenneth Camilleri, fit-2 ta' Awwissu, 2013, ir-rikorrenti Kenneth Camilleri K.I. 462380(M) espona bir-rispett;

Illi l-bieraħwara nofsinhar għall-ħabta tal-ħamsa (5 p.m.) huwa ġie nfurmat mill-Pulizija tal-Għassa tal-Msida li kien hemm dikjarazzjoni li l-kura u l-kustodja ta' ibnu Kingslee tinsab f'idejn l-omm, ir-rikorrenti Ramona Borg u l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors;

Illi jidher ċar li bin-nuqqas ta' informazzjoni mogħtija lil din l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrenti żvijat lill-istess sabiex b' hekk irnexxielha toħroġ dikjarazzjoni li hija kellha l-kura u l-kustodja legali sabiex b'hekk il-Pulizija nfurzaw l-istess dikjarazzjoni u taw ordni sabiex il-minuri jittieħed għand l-omm;

Illi l-intimat kien ġa beda l-proċess tar-rikonoxximent tal-paternita tal-minuri Kingslee Borg permezz tal-ittra uffiċjali numru 86/13 pprezentata fl-4 ta' Lulju, 2013, u notifikata lir-rikorrenti fid-9 ta' Lulju, 2013, fl-indirizz tal-ġenituri tagħha, kopja ta' liema hija annessa mar-rikors odjern u mmarkat Dok 1 in vista tal-fatt li l-aħħar indirizz magħruf tar-rikorrenti kien fir-residenza tal-intimat u wara hija marret tirrisjedi ma' terz skonoxxut f'indirizz mhux magħruf.

Illi dak li ma ddikjaratx l-omm, lil din l-Onorabbli Qorti, kif preseduta huwa l-fatt li ġa hemm proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-familja) fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob il-kura u l-kustodja tal-minuri pendenti quddiem l-Imħallef Abigail Lofaro li ordnat in-notifika tar-rikors tar-rikorrenti lill-intimat sabiex dan tal-aħħar jirrispondi dawn il-fatti;

Illi dawn il-proceduri odjerni ġew intavolati hekk kif ir-rikorrenti rat li l-Qorti diversament presjeduta qabel ma tiddekreta fuq il-pożizzjoni tal-minuri ordnat li tisma' lil-intimat fatt determinanti li r-rikorrent għażlet li ma tinfurmax lil din l-Onorabbli Qorti dwaru fil-proċeduri odjerni.

Illi minkejja li l-intimat sa llum għadu ma ġiex notifikat bl-atti tal-proċeduri preseduti mill-Imħallef Abigail Lofaro, l-Avukat tiegħu ġie a konoxxenza tagħhom ilbieraħ.

By means of a decree given, on the 9th August 2013, by the Civil Court (Family Section) in the records of the General Application, in the names Ramona Borg vs Kenneth Camilleri, application number 384/13 RGM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Ramona Borg, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Urgent Application, filed, by Kenneth Camilleri, in the Civil Court (Family Section) in the names Ramona Borg vs Kenneth Camilleri, on the 2nd August, 2013, the applicant Kenneth Camilleri I.D. 462380(M) respectfully pleaded;

That yesterday afternoon roound about five (5 p.m.) he was informed by the Msida Police Station, that there was a declaration that the care and custody of his son Kingslee is entrusted to the mother, the applicant Ramona Borg and the Court abstained from taking further cognizance of the same application;

That it appears clear that due to the lack of information given to this Honourable Court, the applicant misled the same so that she managed to issue a declaration that she had the legal care and custody so that thus the Police enforced the same declaration and gave an order so that the minor be taken to the mother;

That the respondent had already started the process of recognition of paternity of the minor Kingslee Borg, by means of a judicial letter number 86/13, filed, on the 4th July, 2013, and notified to applicant on the 9th July, 2013, at her parents address, copy of which is attached with the present application and marked Doc 1 in view of the fact that the last known address of the applicant was at the respondent's address and afterwards she went to live with an unknown third party at an unknown address.

That what the mother did not declare, to this Honourable Court, as presided is the fact that there already existed procedures before the Civil Court (Family Section) whereby the applicant is asking for the care and custody of the minor pending before Judge Abigail Lofaro, who ordered that the service of the applicant's application to the respondent, in order that the latter answer these facts;

That the present procedures were filed as the applicant saw that the Court as differently presided before decreeing on the position of the minor, ordered to hear the respondent, a determing fact that the applicant choose not to inform this Court, about in the present procedures.

That despite that the respondent has not yet been notified till this day with the proceedings presided by Judge Abigail Lofaro, his Lawyer came to know about them yesterday.

Illi in oltre ir-rikorrenti ma ddikjaratx li l-minuri għex għal dawn l-aħħar ħames snin dejjem ma' missieru l-intimat, għajr għal perjodu qasir meta l-omm marret tgħix ma terza persuna.

Illi l-intimat dejjem mantna lil ibnu f'dak kollu li kellu bzonn.

Illi di piu ir-rikorrenti stess kienet volontarjament għamlet dikjarazzjoni notarili fejn affidat il-kura u kustodja tal-minuri f'idejn missieru l-intimat Kenneth Camilleri. 2. Dan kien sar għaliex hija dejjem oġġezzjonat għall-fatt li l-intimat jiġi rikonoxxut legalment bhala missier il-minuri u huwa aċċetta biss fl-interess suprem tal-minuri.

Illi l-intimat kien ukoll għamel test tal-paternita fejn ġie stabbilit li huwa missier il-minuri.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq spjegati l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti, tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tat-30 ta' Lulju, 2013, u tordna li l-proceduri odjerni jiġu mismugħa minn din l-istess Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Imħallef Abigail Lofaro in vista tal-fatt li l-proċeduri numerati 352/13 ġew intavolati l-ewwel, senjatament fl-10 ta' Lulju, 2013.

Lista ta' Dokumenti annessi.

Dok 1 Kopja tal-ittra uffiċjali numru 86/2013.
Dok 2 Kopja tad-dikjarazzjoni notarili datata 25 ta' Ġunju, 2013.
Dok 3 Kopja tar-rizultat tat-test tal-paternità tal-intimat.
Dok 4 Affidavit ta' missier ir-rikorrenti Carmelo Borg.
Dok 5. Affidavit ta' omm ir-rikorrenti Mary Grace Borg.

Notifika:
Rikorrenti 50, Bonds Flats, Flat 5, Bilbel Street, Bugibba.
Intimat: 129, Triq il-Kuncizzjoni, Msida.

Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Illum 4 ta' Lulju, 2013.

Lil Ramona Borg (Karta tal-Identità numru 02171188M).

Bil-preżenti Kenneth Camilleri (Karta tal-Identità numru 462380M) ta' 129, Triq il-Kunċizzjoni, Msida, jinfurmak li huwa bi ħsiebu jirrikoxxi bħala ibnu lill-minuri Kingslee Borg li twieled fl-20 ta' Lulju, 2008.

.....omissis.....

That furthermore the applicant did not declare that the minor lived for these last five years always with his father the respondent, except for a brief period when the mother went to live with a third person.

That the respondent always maintained his son in all his needs.

That furthermore the applicant himself had voluntarily made a notarial declaration whereby she entrusted the care and custody of the minor to the father the respondent Kenneth Camilleri. 2. This had been done because she always objected to the fact that the respondent be legally recognised as the father of the minor and he accepted only in the supreme interest of the minor.

That the respondent had also made a paternity test whereby it was established that he was the father of the minor.

Thus and for the reasons above explained the interpellant, humbly prays that this Honourable Court, revokes contrario imperio its decree of the 30th July, 2013, and orders that the present procedures be heard by this Honourable Court, presided by Judge Abigail Lofaro, in view of the fact that the procedures numbered 352/13 were filed first, namely on the 10 th July 2013.

List of Documents annexed.

Doc 1 Copy of judicial letter numbered 86/2013.
Doc 2 Copy of notarial declaration dated 25th June 2013.
Doc 3 Copy of result of paternity test of respondent.
Doc 4 Affidavit of the applicant' s father Carmelo Borg.
Doc 5, Affidavit of the applicant's mother Mary Grace Borg.

Service:
Applicant 50, Bonds Flat, Flat 5, Bilbel Street, Bugibba.

Respondent: 129, Triq il-Kuncizzjoni, Msida.

In the Civil Court (Family Section)

Today 4th July, 2013.

To Ramona Borg (Identity Card number 02171188M).

By the present Kenneth Camilleri (Identity card number 462380M) of 129, Triq il-Kuncizzjoni, Msida, informs you that he intends to recognise as his son the minor Kingslee Borg, who was born on the 20th July, 2008.

.....omissis.....

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tiġi preżentata a tenur tal-Artikolu 86 tal-Kodici Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

.....omissis.....

Tant sabiex tirregola ruħħek.

Notifika:

Mittent: 129, Triq il-Kunċizzjoni, Msida.

Intimata; 90, Asumption Street, Marsa.

Direttur tar-Reġistru Pubbliku: Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta.

Dok 2---------Dikjarazjoni ta' Ramona Borg, disokkupata xebba, bint Carmelo Borg u Mary Grace Borg née Agius, imwielda Żabbar u residenti Paola, K.I. 0217188M.

Dok 3---------DNA Test Report.

Dok 4- Affidavit ta' Carmelo Borġ, bla impieg, bin Joseph u Carmela née Testa, imwield Pieta fil-25 ta' Novembru, 1965 u joqgħod il-Marsa K.I. 549465M.

Dok 5-Affidavit ta' Mary Grace Borg mart Carmelo Borg bint Joseph Agius u Grace née Borg imwielda Żabbar u toqgħod il-Marsa K.I. 447967M.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja)

Onor. Imħallef Robert G. Mangion LLD.

Rik Gen Nru 384/13.

Ramona Borg

Vs

Kenneth Camilleri.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tat-30 ta' Lulju, 2013.

Tordna notifika lil Ramona Borg bi żmien 24 siegħa għar-risposta.

Tappunta ir-rikors għas-smiegħ għad 9 ta' Awwissu, 2013 fil-11.30 a.m.

This judicial letter is being presented in terms of Article 86 of Civil Code of Chap 16 of the Laws of Malta.

.....omissis.....

So much so that you may know how to proceed.

Notify:

Interpellant: 129, Triq il-Kuncizzjoni, Msida.

Respondent: 90, Assumption Street, Marsa.

Director Public Registry: Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta.

Doc 2----------Declaration of Ramona Borg, unemployed, unmarried, daughter of Carmelo Borg and Mary Grace Borg née Agius, born in Żabbar and residing in Paola, 0217188M.

Doc 3----------DNA Test Report.

Doc 4- --Affidavit of Carmelo Borg, unemployed, son of Joseph and Carmela née Testa, born in Pieta' on the 25th November 1965 and residing in Marsa I.D. 549465M.

Doc 5 –Affidavit of Mary Grace Borg wife of Carmeo Borg daughter of Joseph Agius and Grace nee' Borg born in Zabbar and residing in Marsa I.D. 447967M.

Civil Court

(Family Section)

Hon. Mr. Justice Robert G. Mangion LLD.

Gen. Application Number 384/13.

Ramona Borg

vs

Kenneth Camilleri.

The Court;

Having seen the application of the 30th July, 2013.

Orders that Ramona Borg be notifed who is to file a reply within 24 hours.

Appoint the application for hearing on the 9th August, 2013 at 11.30 a.m.

Illum 2 ta' Awwissu 2013.

Iff. Theresa Sammut-Deputat Reġistratur.

B'ordni tal-Qorti hawn fuq imsemmija tad-9 ta' Awwissu 2013, ir-Rikors Ġenerali hawn fuq imsemmi Rikors numru 384/13 RGM, ġie differit għas-smiegħ għall-25 ta' Settembru, 2013, fil-11.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Civili (Sezzjoni tal-Familja) illum 21 ta' Awwissu, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 2nd August 2013.

Sgd. Theresa Sammut- Deputy Registrar.

By order of the Court above mentioned of the 9th August 2013, the General Application above mentioned Application number 384/13 RGM, has been put off for hearing to the 25th September, 2013, at 11.30 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 21st August, 2013.

ADV.FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1324

B' digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fid-9 ta' Awwissu, 2013, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Elmo Insurance Services Ltd noe et vs Sultana Rosario, rikors numru 902/2011FS, giet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Elmo Insurance Services Limited noe et vs Rosario Sultana, fit-13 ta' Settembru, 2011, ir-rikorrenti Elmo Insurance Limited (C 3500) debitament rappreżentata mill-Avukat Dottor Alessia Zammit Mckeon K.I. 550283(M) esponiet bir-rispett;

1.Illi b' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, tad-9 ta' Jannar,2001, fl-ismijiet premessi s-soċjetà attriċi, ġiet kanonizzata kreditriċi versu l-konvenut;

2. Illi l-konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi kreditrici, is-somma komplessiva ta' €8,814.05.

3. Illi għalkemm għaddew għaxar (10) snin mid-data tal-pronunzjament tas-sentenza u s-soċjetà attriċi għad għandha interess teżegwixxi l-istess deċizjoni stante li l-konvenut debitur, għadu ma ħallasx il-fuq imsemmi kreditu.

4. In ottempranza ma' dak sanċit fl-Artikolu 258 tal-Kap .12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avv. Alessia Zammit Mckeon bħala mandatarja speċjali tas-soċjetà kreditriċi għall-fini ta' dan l-att qiegħda tikkonferma bil-ġurament tagħha l-kontenut ta' dak premess.

5. Għaldaqstant is-soċjetà attriċi, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza mogħtija minnha fl-ismijiet 'Elmo Insurance Services Limited noe et vs Rosario Sultana (Ċitazz. Numru 2483/1998 JRM) deċiża, fid-9 ta' Jannar, 2001, ai termini tal-Artikolu 258 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

By means of a decree given, by the Civil Court, on the 14th November, 2011, in the records of the Sworn Application, in the names Elmo Insurance Services Ltd noe vs Sultana Rosario, application number 902/2011 FS, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Elmo Insurance Services Limited noe et vs Rosario Sultana , on the 13th September, 2011, the applicant Elmo Insurance Limited (C 3500) duly represented by Advocate Alessia Zammit Mckeon I.D. 550283(M) respectfully pleaded;

1.That by means of a judgement of this Honourable Court, of the 9 th January, 2001, in the names premised the plaintiff company, was declared a creditor of the defendant;

2. That the defendant owes to the plaintiff company, the global sum of €8,814.05.

3. That although there lapsed ten (10) years from the date of delivery of the judgement the plaintiff company, has an interest to execute the same decision since the defendant debtor has not payed the above mentioned credit.

4. In accordance with that stipulated in Article 258 of Chapter 12 of the Laws of Malta, Adv. Alessia Zammit Mckeon as special mandatary of the creditor company for the purpose of this deed is confirming by means of her oath that premised.

5. Thus the applicant humbly prays that it be authorised by this Honourable Court, to execute the judgement given by it in the names 'Elmo Insurance Services Limited noe et vs Rosario Sultana (Writ of Summons Number 2483/1998 JRM) decided on the 9th January 2001, in terms of Article 258 et seq. of Chapter 12 of the Laws of Malta).

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, fl-1 ta' Novembru, 2011, il-kawża Rikors fl-ismijiet Elmo Insurance Services Ltd noe et vs Sultana Rosario, Rikors numru 902/11 FS, ġie appuntat għas-smigħ għat-Tnejn 14 ta' Novembru, 2011, fid-9.15 a.m.

B'ordnijiet sussegwenti tal-Qorti, ir-rikors hawn fuq imsemmi numru 902/11 FS ġie differit u issa jinsab appuntat għas-smigħ għall-5 ta' Novembru, 2013, fid-9.15 a.m.

Attur: Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

Konvenut Rosario Sultana: 171, Flat 5, Bini tal-Gvern, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registru Superior Courts, on the 1st November, 2011, the cause Application in the names Elmo Insurance Services Ltd noe et vs Sultana Rosario, Application number 902/11 FS, was appointed for hearing on Monday 14th November, 2011, at 9.15 a.m.

By subsequent Court orders the application above mentioned number 902/11 FS was put off and is now appointed for hearing to the 5th November, 2013, at 9.15 a.m.

Rikorrent: Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

Defendant Rosario Sultana: 171, Flat 5, Bini tal-Gvern, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida.

Registry of the Superior Courts, today 22nd August, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1325

B'nota, ippreżentata, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-21 ta' Awwissu, 2013, minn Dr. Jean Carl Debono, Nutar Pubbliku, ġab is-segwenti dokument biex jiġi ppubblikat a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap. 13, tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz ta' kuntratt fl-atti, tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, Duttur tal-Liġi, tas-7 ta' Awwissu, 2013, l-Onor Dottor John Attard Montalto, Membru tal-Parlament Ewropew, bin Joseph Attard Montaldo u Miriam née Despott, imwieled Sliema u martu Rose Attard Montaldo, mara tad-dar, bint Joseph Farrugia u Margaret née Borg, imwielda Sydney, l-Australia, it-tnejn residenti Żebbuġ, Malta, (karti tal-identità numri 116853(M) u 50898(M) rispettivament, emancipaw lil binthom, Rebecca Attard Montalto, model, xebba, bint l-Onor John Attard Montalto u Rose Attard Montalto, née Farrugia, imwielda Żebbug, Malta, fit-22 ta' Frar elf disa mija u sitta u disgħin (22/2/1996) u residenti 'Casa Leone' Ħofra Street, Żebbuġ, Malta (karta tal-identità numru 101596(M) u qegħdin jawtorizzawha teserċita l-atti kollha tal-kummerċ.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a note, filed, in the First Hall Civil Court, on the 21st August, 2013, by Dr. Jean Carl Debono, Notary Public, produced the following document in order that it be published in terms of Article 9 of Cap. 13, of the Laws of Malta.

By means of a contract , in the records of Notary Dr. Jean Carl Debono, Doctor of Laws, of the 7th August, 2013, the Hon. Dr. John Attard Montalto, Member of the European Parliament, son of Joseph Attard Montaldo and Miriam née Despott, born in Sliema and his wife Rose Attard Montaldo, housewife, daughter of Joseph Farrugia and Margaret née Borg, born in Sydney, Australia, both residing in Żebbuġ, Malta (Identity card numbers 116853(M) and 50898(M) respectively, emancipated their daughter, Rebecca Attard Montalto, model, unmarried, daughter of the Hon. John Attard Montalto and Rose Attard Montalto, née Farrugia, born in Żebbuġ, Malta, on the 22nd February, one thousand nine hundred ninety six (22/2/1996) and residing at 'Casa Leone' Ħofra Street, Żebbuġ, Malta (identity card numbers 101596(M) and are authorising her to carry out all acts of trade.

Registry of the Superior Courts, today 22nd August 2013.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1326

B'digriet mogħti, mill-Bord li jirregola l-Kera, fl-10 ta' Lulju, 2013, fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament, numru 700/2013, fl-ismijiet V. Debono and Sons Services Limited C 9624 vs Albert Cutajar, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Albert Cutajar, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li jirregola l-Kera, fl-ismijiet (Rikorrenti) V. Debono and Sons Services Limited (C 9624) vs (Intimat) Albert Cutajar, fl-10 ta' Mejju, 2013, ir-rikorrenti V. Debono and Sons Service Limited (C 9624) talab lil din l-Onorabbli Qorti, tordna l-Ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament, kontra l-intimat mill-fond infraskritt in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

